

Brussell, 5 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16345/25
ADD 1

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0383 (COD)**

EF 398
ECOFIN 1673
CODEC 2033

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPRez, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Diċembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 943 annex
Suġġett:	ANNESSI tal- Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1095/2010, Nru 648/2012, Nru 600/2014, Nru 909/2014, 2015/2365, 2019/1156, 2021/23, 2022/858, 2023/1114, Nru 1060/2009, 2016/1011, 2017/2402, 2023/2631 u 2024/3005 fir-rigward tal-iżvilupp ulterjuri tal-integrazzjoni u s-superviżjoni tas-suq kapitali fl-Unjoni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 943 annex.

Mehmuż: COM(2025) 943 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.12.2025
COM(2025) 943 final

ANNEXES 1 to 6

ANNESI

tal-

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1095/2010, Nru 648/2012, Nru 600/2014, Nru 909/2014, 2015/2365, 2019/1156, 2021/23, 2022/858, 2023/1114, Nru 1060/2009, 2016/1011, 2017/2402, 2023/2631 u 2024/3005 fir-rigward tal-
iżvilupp ulterjuri tal-integrazzjoni u s-superviżjoni tas-suq kapitali fl-Unjoni**

{SEC(2025) 943 final} - {SWD(2025) 943 final} - {SWD(2025) 944 final}

ANNEX I**“ANNEX**

Tabella ta' korrelazzjoni msemija fl-Artikolu 3, il-punt (43)

Id-Direttiva 2014/65/UE	Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014
L-Artikolu 5(2)	---
L-Artikolu 18(1)	L-Artikolu 2u(1)
L-Artikolu 18(2)	L-Artikolu 2u(2)
L-Artikolu 18(3)	L-Artikolu 2u(3)
L-Artikolu 18(4)	L-Artikolu 2u(3)
L-Artikolu 18(5)	L-Artikolu 2u(3)
L-Artikolu 18(6)	L-Artikolu 2u(5)
L-Artikolu 18(7)	L-Artikolu 2u(3)
L-Artikolu 18(8)	L-Artikolu 2u(6)
L-Artikolu 18(9)	L-Artikolu 2u(7)
L-Artikolu 18(10)	L-Artikolu 2u(8), l-Artikolu 2zf
L-Artikolu 18(11)	L-Artikolu 2zg(4)(b)
L-Artikolu 19(1)	L-Artikolu 2x(1)
L-Artikolu 19(2)	L-Artikolu 2x(2)
L-Artikolu 19(3)	L-Artikolu 2x(3)
L-Artikolu 19(4)	L-Artikolu 2x(4)
L-Artikolu 19(5)	L-Artikolu 2x(5)
L-Artikolu 20(1)	L-Artikolu 2z(1)
L-Artikolu 20(2)	L-Artikolu 2z(2)
L-Artikolu 20(3)	L-Artikolu 2z(3)
L-Artikolu 20(4)	L-Artikolu 2z(4)
L-Artikolu 20(5)	L-Artikolu 2z(5)
L-Artikolu 20(6)	L-Artikolu 2z(6)
L-Artikolu 20(7)	L-Artikolu 2z(7)
L-Artikolu 20(8)	L-Artikolu 2z(8)
L-Artikolu 31(1)	L-Artikolu 2u(3)
L-Artikolu 31(2)	L-Artikolu 2u(3)

L-Artikolu 31(3)	L-Artikolu 2u(3)
L-Artikolu 31(4)	L-Artikolu 2zg(2), il-punt (c)
L-Artikolu 32(1)	L-Artikolu 2v(1)
L-Artikolu 32(2)	L-Artikolu 2v(2)
L-Artikolu 32(3)	L-Artikolu 2zg(4), il-punt (a)
L-Artikolu 32(4)	L-Artikolu 2zg(2), il-punt (b)
L-Artikolu 33(1)	L-Artikolu 2y(1)
L-Artikolu 33(2)	L-Artikolu 2y(2)
L-Artikolu 33(3)	L-Artikolu 2y(3)
L-Artikolu 33(4)	L-Artikolu 2y(4)
L-Artikolu 33(5)	L-Artikolu 2y(5)
L-Artikolu 33(6)	L-Artikolu 2y(6)
L-Artikolu 33(7)	L-Artikolu 2y(7)
L-Artikolu 33(8)	L-Artikolu 2zg(2), il-punt (d)
L-Artikolu 33(9)	---
L-Artikolu 34(6)	L-Artikolu 2w, l-Artikolu 2o(1)
L-Artikolu 34(7)	L-Artikolu 2w, l-Artikolu 2o(2)
Artikolu 36	---
L-Artikolu 37(1)	---
L-Artikolu 37(2)	L-Artikolu 34c
Artikolu 38	---
L-Artikolu 44(1)	L-Artikolu 2a(2), il-punti (a) u (b), l-Artikolu 2b(1)
L-Artikolu 44(2)	L-Artikolu 2a(3) u (4)
L-Artikolu 44(3)	L-Artikolu 2a(4) u (5)
L-Artikolu 44(4)	L-Artikolu 2a(7)
L-Artikolu 44(5)	L-Artikolu 2c(1)
L-Artikolu 44(6)	---
L-Artikolu 45(1)	L-Artikolu 2d(1)
L-Artikolu 45(2)	L-Artikolu 2d(2)
L-Artikolu 45(3)	L-Artikolu 2d(3)
L-Artikolu 45(4)	L-Artikolu 2d(4)

L-Artikolu 45(5)	L-Artikolu 2d(5)
L-Artikolu 45(6)	L-Artikolu 2d(6)
L-Artikolu 45(7)	L-Artikolu 2d(7)
L-Artikolu 45(8)	L-Artikolu 2d(8)
L-Artikolu 45(9)	L-Artikolu 2d(9)
L-Artikolu 46(1)	L-Artikolu 2e(1)
L-Artikolu 46(2)	L-Artikolu 2e(2)
L-Artikolu 46(3)	L-Artikolu 2e(3)
L-Artikolu 47(1)	L-Artikolu 2f(1)
L-Artikolu 47(2)	L-Artikolu 2f(2)
L-Artikolu 48(1)	L-Artikolu 2g(1)
L-Artikolu 48(2)	L-Artikolu 2g(2)
L-Artikolu 48(3)	L-Artikolu 2g(3)
L-Artikolu 48(4)	L-Artikolu 2g(4)
L-Artikolu 48(5)	L-Artikolu 2g(5)
L-Artikolu 48(6)	L-Artikolu 2g(6)
L-Artikolu 48(7)	L-Artikolu 2g(7)
L-Artikolu 48(8)	L-Artikolu 2g(8)
L-Artikolu 48(9)	L-Artikolu 2g(9)
L-Artikolu 48(10)	L-Artikolu 2g(10)
L-Artikolu 48(11)	L-Artikolu 2g(10)
L-Artikolu 48(12)	L-Artikolu 2zg(3)(a) sa (i)
L-Artikolu 49(1)	L-Artikolu 2h(1)
L-Artikolu 49(2)	L-Artikolu 2h(2)
L-Artikolu 49(3)	L-Artikolu 2zg(3)(j)
L-Artikolu 49(4)	L-Artikolu 2zg(3)(k)
L-Artikolu 51(1)	L-Artikolu 2i(1)
L-Artikolu 51(2)	L-Artikolu 2i(2)
L-Artikolu 51(3)	L-Artikolu 2i(3)
L-Artikolu 51(4)	L-Artikolu 2i(4)
L-Artikolu 51(5)	L-Artikolu 2i(5)
L-Artikolu 51(6)	L-Artikolu 2zg(3), il-punti (l) sa (n)

L-Artikolu 51a(1)	L-Artikolu 2j(1)
L-Artikolu 51a(2)	L-Artikolu 2j(2)
L-Artikolu 51a(3)	L-Artikolu 2j(3)
L-Artikolu 51a(4)	L-Artikolu 2j(4)
L-Artikolu 51a(5)	L-Artikolu 2j(5)
L-Artikolu 51a(6)	L-Artikolu 2j(6)
L-Artikolu 51a(7)	L-Artikolu 2zg(2)(a)
L-Artikolu 52(1)	L-Artikolu 2k(1)
L-Artikolu 52(2)	L-Artikolu 2k(2), l-Artikolu 2zg(3)(o)
L-Artikolu 52(3)	L-Artikolu 2zg(4)(a)
L-Artikolu 52(4)	L-Artikolu 2zg(2)(b)
L-Artikolu 53(1)	L-Artikolu 2l(1)
L-Artikolu 53(2)	L-Artikolu 2l(2)
L-Artikolu 53(3)	L-Artikolu 2l(3)
L-Artikolu 53(4)	L-Artikolu 2l(4)
L-Artikolu 53(5)	L-Artikolu 2l(5)
L-Artikolu 53(6)	L-Artikolu 2o(1)(a)
L-Artikolu 53(7)	L-Artikolu 2l(6)
L-Artikolu 54(1)	L-Artikolu 2n(1)
L-Artikolu 54(2)	L-Artikolu 2n(2)
L-Artikolu 54(3)	L-Artikolu 2n(3)
L-Artikolu 54(4)	L-Artikolu 2zg(2)(c)
L-Artikolu 55	---
L-Artikolu 56	L-Artikolu 2zf
L-Artikolu 57(8)	L-Artikolu 34a(1)
L-Artikolu 57(9)	L-Artikolu 34a(2)
L-Artikolu 57(10)	L-Artikolu 34a(3)
L-Artikolu 58(1)	L-Artikolu 34b(1)
L-Artikolu 58(4)	L-Artikolu 34b(2)
L-Artikolu 58(5)	L-Artikolu 34b(3)
L-Artikolu 58(6)	L-Artikolu 34b(4)
L-Artikolu 58(7)	L-Artikolu 34b(5)

ANNEX II

L-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Lista tal-koeffiċjenti marbutin ma’ fatturi aggravanti u mitiganti għall-applikazzjoni tal-Artikolu 25j(3) u l-Artikolu 22c(3)”;

(b) il-formulazzjoni introdutturja hija sostitwita b'dan li ġej:

“Il-koeffiċjenti li ġejjin għandhom ikunu applikabbli, b’mod kumulattiv, għall-ammonti bażiċi msemmija fl-Artikolu 25j(2) u fl-Artikolu 22c(3):”.

ANNEX III

“ANNEX V

Lista ta' ksur imsemmi fl-Artikolu 22c(3)

I. Ksur relatat ma' rekwiżiti ta' aċċess:

(a) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 7(1) jekk ma tiżgurax id-dritt ta' ċentru tan-negozjar għal trattament mhux diskriminatorju;

(b) CCP sinifikanti tikser l-Artikoli 7(2) u 7(3) jekk ma tilqax jew tirrifjuta l-aċċess għal ċentru tan-negozjar fi żmien 3 xhur mit-talba, jew ma tipprovdux liċ-ċentru tan-negozjar bir-raġunijiet sħaħ għal tali rifjut.

II. Ksur relatat ma' rekwiżiti ta' rapportar:

(a) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 7e(1) jekk ma tirrapportax lill-ESMA fuq bażi ta' kull xahar, permezz tal-bażi tad-data ċentrali stabbilita skont l-Artikolu 17c tal-anqas l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) sa (h) tal-istess paragrafu;

(b) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 9(1) jekk ma tiżgurax li d-dettalji ta' kwalunkwe kuntratt tad-derivattivi li tkun ikkonkludiet u kwalunkwe modifika jew terminazzjoni tal-kuntratt tiġi rrapportata f'konformità ma' dan l-Artikolu lil repożitorju tat-tranżazzjonijiet irregjistrat f'konformità mal-Artikolu 55 jew rikonoxxut f'konformità mal-Artikolu 77; u billi ma tistabbilix proċeduri u arranġamenti xierqa biex tiġi żgurata l-kwalità tad-data li tirrapporta;

(c) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 9(1e) jekk ma tiżgurax li d-dettalji tal-kuntratti tad-derivattivi li għandhom jiġu rrapportati jiġu rrapportati b'mod korrett u mingħajr duplikazzjoni, inkluż meta jkun ġie ddelegat l-obbligu ta' rapportar.

III. Ksur relatat ma' rekwiżiti ta' kapital:

(a) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 16(1) jekk ma jkollhiex kapital inizjali permanenti u disponibbli ta' mill-anqas EUR 7,5 miljun;

(d) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 16(2) jekk ma jkollhiex kapital, inkluż id-dħul u r-riżervi miżmuma, li jkun proporzjonat għar-riskju li jitnissel mill-attivitajiet tagħha u li dejjem ikun biżżejjed biex jiżgura stralċ jew ristrutturar ordnat tal-attivitajiet fuq perjodu ta' żmien adatt u protezzjoni adegwata lis-CCP kontra riskji tal-kreditu, tal-kontroparti, tas-suq, tal-operat, legali u kummerċjali li mhumiex diġà koperti minn riżorsi finanzjarji speċifiċi kif imsemmi fl-Artikoli 41 sa 44.

IV. Ksur relatat mar-rekwiżiti biex tinkiseb awtorizzazzjoni jew validazzjoni;

(a) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 15 jekk ma tippreżentax applikazzjoni għal estensjoni tal-awtorizzazzjoni tagħha għal servizzi jew attivitajiet addizzjonali tal-ikklerjar, qabel ma testendi n-negozju tagħha għal servizzi jew attivitajiet addizzjonali.

V. Ksur relatat ma' rekwiżiti organizzattivi jew kunflitti ta' interess:

(a) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 26(1) jekk ma jkollhiex arranġamenti ta' governanza robusti li jinkludu struttura organizzattiva ċara b'linji ta' responsabbiltà ddefiniti sew, trasparenti u konsistenti, proċessi effettivi għall-identifikazzjoni, l-immaniġġjar, il-monitoraġġ u r-rapportar tar-riskji li għalihom hi jew tista' tkun esposta u mekkaniżmi ta' kontroll intern adegwati, inklużi proċeduri amministrattivi u kontabilistiċi sodi jew jekk issir membru tal-ikklerjar, klijent jew tistabbilixxi arranġamenti tal-ikklerjar indiretti ma' membru tal-ikklerjar bil-għan li twettaq attivitajiet ta' kkerjar f'CCP oħra, sakemm tali attivitajiet ta' kkerjar ma jitwettqux skont arranġament tal-interoperabilità fl-ambitu tat-Titolu V jew meta jitwettqu l-politiki ta' investment tiegħu skont l-Artikolu 47;

- (b) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 26(2) jekk ma tadottax politiki u proċeduri li jkunu effettivi biżżejjed biex jiżguraw il-konformità, inkluża dik tal-manigġers u l-impjegati tagħha, ma' dan ir-Regolament;
- (c) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 26(3) jekk ma żżommx jew ma toperax struttura organizzazzjonali li tiżgura l-kontinwità u l-funzjonament ordnat fit-tweġġ tas-servizzi u l-attivitajiet tagħha jew jekk ma tużax sistemi, riżorsi jew proċeduri xierqa u proporzjonati inklużi sistemi tal-ICT ġestiti f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/2554;
- (d) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 26(4) jekk ma żżommx separazzjoni ċara bejn il-linji tar-rapportar għall-immaniġġjar tar-riskju u dawk għal operazzjonijiet oħra tas-CCP;
- (e) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 26(5) jekk ma tadottax, ma timplimentax jew ma żżommx fis-seħħ politika ta' remunerazzjoni li tippromwovi l-immaniġġjar tar-riskji sod u effikaċi u li ma toħloqx inċentivi għar-rilaxxament tal-istandards tar-riskji;
- (f) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 26(7) jekk ma tagħmilx l-arranġamenti ta' governanza tagħha, ir-regoli li jirregolaw is-CCP jew il-kriterji tagħha ta' ammissjoni għal sħubija tal-ikklerjar disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas;
- (g) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 26(8) jekk ma tkunx soġġetta għal verifiki frekwenti u indipendenti, jew jekk ma tikkomunikax ir-riżultati ta' dawk il-verifiki lill-bord jew jekk ma tagħmilx dawk ir-riżultati disponibbli għall-AETS;
- (h) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 27(1) jew l-Artikolu 27(2), it-tieni subparagrafu, jekk ma tiżgurax li d-dirigenza għolja u l-membri tal-bord tagħha jkollhom tajba u esperjenza biżżejjed biex jiżguraw l-immaniġġjar sod u prudenti tas-CCP;
- (i) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 27(2) jekk ma tiżgurax li mill-anqas terz, iżda mhux anqas minn tnejn, tal-membri ta' dak il-bord ikunu indipendenti jew jekk ma tistedinx lir-rappreżentanti tal-klijenti tal-membri tal-ikklerjar għal-laqgħat tal-bord għal kwistjonijiet rilevanti għall-Artikoli 38 u 39 jew jekk torbot il-kumpens tal-membri indipendenti u l-membri l-oħra mhux eżekuttivi tal-bord mal-prestazzjoni tan-negozju tas-CCP;
- (j) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 27(3) jekk ma tiddeterminax b'mod ċar ir-rwoli u r-responsabilitajiet tal-bord jew jekk ma tagħmilx il-minuti tal-laqgħat tal-bord disponibbli għall-ESMA jew għall-awdituri;
- (k) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 28(1) jekk ma tistabbilix kumitat tar-riskju jew jekk ma tgħammarx lil dak il-kumitat tar-riskju b'rappreżentanti tal-membri tal-ikklerjar tagħha, membri indipendenti tal-bord u rappreżentanti tal-klijenti tagħha, jekk tgħammar lill-kumitat tar-riskju b'tali mod li wieħed minn dawk il-gruppi ta' rappreżentanti jkollu maġġoranza fil-kumitat tar-riskju, jew jekk ma tinfurmax kif xieraq lill-ESMA bl-attivitajiet u d-deċiżjonijiet tal-kumitat tar-riskju meta l-ESMA tkun talbet li tiġi informata kif xieraq;
- (l) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 28(2) jekk ma tiddeterminax b'mod ċar il-mandat, l-arranġamenti ta' governanza biex tiġi żgurata l-indipendenza tagħha, il-proċeduri operazzjonali, il-kriterji tal-ammissjoni jew il-mekkaniżmu li bih jiġu eletti l-membri tal-kumitat tar-riskju, jew jekk ma tagħmilx dawk l-arranġamenti ta' governanza disponibbli għall-pubbliku jew jekk ma tiddeterminax li l-kumitat tar-riskju jkun ippresedut minn membru tal-bord indipendenti u jirrapporta direttament lill-bord u jkollu laqgħat regolari;
- (m) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 28(3) jekk ma tippermettix lill-kumitat tar-riskju jagħti parir lill-bord dwar kwalunkwe arranġament li jista' jkollu impatt fuq il-ġestjoni tar-riskji tas-CCP jew jekk ma tagħmilx sforzi raġonevoli biex tikkonsulta l-kumitat tar-riskju dwar żviluppi li jkollhom impatt fuq il-ġestjoni tar-riskji tas-CCP f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza;

- (n) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 28(5) jekk ma tinfurmax minnufih lill-ESMA bi kwalunkwe deċiżjoni li fiha l-bord jiddeċiedi li ma jsegwix il-parir tal-kumitat tar-riskju;
- (o) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 29(1) jekk ma żżommx ir-rekords kollha dwar is-servizzi u l-attività pprovduti minn dik is-CCP għal perjodu ta' mill-anqas 10 snin, li huma meħtieġa biex l-ESMA tkun tista' timmonitorja l-konformità tas-CCP ma' dan ir-Regolament;
- (p) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 29(2) jekk ma żżommx, għal perjodu ta' mill-anqas 10 snin wara t-terminazzjoni ta' kuntratt, l-informazzjoni kollha dwar il-kuntratti kollha li tkun ipproċessat b'tali mod li jippermetti l-identifikazzjoni tat-termini oriġinali ta' tranżazzjoni qabel l-ikklerjar minn dik is-CCP;
- (q) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 29(3) jekk ma tagħmilx ir-rekords u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 29, jew l-informazzjoni kollha dwar il-pożizzjonijiet tal-kuntratti kklerjati, irrISPettivament mill-post fejn ikunu twettqu t-tranżazzjonijiet, disponibbli meta mitluba lill-ESMA u lill-membri rilevanti tas-SEBĊ;
- (r) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 30(1) jekk ma tinfurmax, jew tagħmel dan b'mod falz jew mhux komplut, lill-ESMA bl-identitajiet tal-azzjonisti jew membri tagħha, kemm jekk diretti u kemm jekk indiretti, persuni fiżiċi jew ġuridiċi, li għandhom parteċipazzjonijiet kwalifikanti jew bl-ammonti ta' dawn il-parteċipazzjonijiet;
- (s) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 30(4) jekk tippermetti li l-persuni msemmija fl-Artikolu 30(1) jeżerċitaw influwenza li aktarx li tkun ta' preġudizzju għall-ġestjoni soda u prudenti tas-CCP;
- (t) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 31(1) jekk ma tinnotifikax, jew tinnotifika b'mod falz jew mhux komplut, lill-ESMA bi kwalunkwe bidla fil-maniġment tagħha jew jekk ma tipprovdix lill-ESMA l-informazzjoni neċessarja kollha sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-Artikolu 27(1) jew mal-Artikolu 27(2), it-tieni subparagrafu;
- (u) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 33(1) jekk ma żżommx jew ma toperax arranġamenti organizzattivi u amministrattivi effettivi bil-miktub sabiex tidentifika u timmaniġġja kwalunkwe kunflitt ta' interess potenzjali bejnha, inklużi l-maniġers tagħha, l-impjegati tagħha jew kwalunkwe persuna b'kontroll dirett jew indirett jew konnessjonijiet mill-qrib, u l-membri tal-ikklerjar tagħha jew il-klijenti tagħhom magħrufa mis-CCP jew jekk ma żżommx jew ma timplimentax proċeduri adegwati bil-għan li jsolvu kunflitti ta' interess possibbli;
- (v) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 33(2) jekk ma tiżvelax b'mod ċar in-natura ġenerali jew is-sorsi tal-kunflitti ta' interess, qabel ma taċċetta tranżazzjonijiet ġodda mill-membri tal-ikklerjar ikkonċernat, lill-membri tal-ikklerjar jew lil klijent ikkonċernat ta' dak il-membri tal-ikklerjar li huwa magħruf mis-CCP meta l-arranġamenti organizzattivi jew amministrattivi ta' dik is-CCP biex timmaniġġja kunflitt ta' interess ma jkunux biżżejjed biex jiżguraw, b'fiduċja raġonevoli, li r-riskji ta' ħsara għall-interess ta' membru tal-ikklerjar jew klijent huma evitati;
- (w) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 33(3) jekk ma tqisx fl-arranġamenti bil-miktub tagħha kwalunkwe ċirkostanza, li tagħha hi jew għandha tkun konxja, li tista' tagħti lok għal kunflitt ta' interess li jirriżulta b'konsegwenza tal-istruttura u l-attivitajiet tan-negozju ta' impriża oħra li magħhom hija għandha relazzjoni ta' impriża prinċipali jew sussidjarja;
- (x) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 33(5) jekk ma tiħux il-passi raġonevoli kollha għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe użu ħażin tal-informazzjoni miżmuma fis-sistemi tagħha jew biex tipprevjeni l-użu ta' dik l-informazzjoni għal attivitajiet tan-negozju oħra, jew minn persuna fiżika li għandha konnessjoni mill-viċin ma' CCP jew persuna ġuridika li għandha relazzjoni ta' impriża prinċipali jew ta' sussidjarja mas-CCP waqt li tuża l-informazzjoni kunfidenzjali

rreġistrata f'dik is-CCP għal kwalunkwe skop kummerċjali mingħajr il-kunsens mogħti minn qabel tal-klijent li lilu tkun tappartjeni din l-informazzjoni kunfidenzjali;

(y) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 36(1) jekk ma taġixxix b'mod ġust u professjonali f'konformità mal-aħjar interessi tal-membri tal-ikklerjar tagħha u l-klijenti tagħhom;

(z) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 36(2) jekk ma jkollhiex regoli aċċessibbli, trasparenti u ġusti biex tittratta l-ilmenti fil-pront;

(aa) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 37(1) jew (2) jekk tuża, fuq bażi kontinwa, kriterji ta' ammissjoni diskriminatorji, mhux trasparenti jew soġġettivi, jew jekk tonqos b'mod ieħor milli tiżgura aċċess ġust u miftuħ għal dik is-CCP fuq bażi kontinwa jew jekk tonqos milli tiżgura fuq bażi kontinwa li l-membri tal-ikklerjar tagħha jkollhom riżorsi finanzjarji u kapaċità operazzjonali biżżejjed biex jissodisfaw l-obbligi li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni f'dik is-CCP, jew jekk ma jkollhiex kriterji tal-ammissjoni li jiżguraw li s-CCPs jew il-kmamar tal-ikklerjar ma jistgħux ikunu membri tal-ikklerjar, direttament jew indirettament, tas-CCP, jew jekk tonqos milli tagħmel rieżami komprensiv tal-konformità mill-membri tal-ikklerjar tagħha fuq bażi annwali;

(ab) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 37(1a) jekk taċċetta kontropartijiet mhux finanzjarji bħala membri tal-ikklerjar meta tali kontropartijiet ma jkunux urew kif beħsiebhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-marġni u l-kontribuzzjonijiet għal fond tal-inadempjenza, jew jekk tonqos milli tirrieżamina l-arranġamenti stabbiliti biex timmonitorja li tiġi ssodisfata l-kundizzjoni biex tali kontropartijiet mhux finanzjarji jaġixxu bħala membri tal-ikklerjar;

(ac) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 37(4) jekk tonqos milli jkollha proċeduri oġġettivi u trasparenti għas-sospensjoni u l-ħruġ ordnat ta' membri tal-ikklerjar li ma jibqgħux jissodisfaw il-kriterji msemmija fl-Artikolu 37(1);

(ad) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 37(5) jekk tirrifjuta l-aċċess għal membru tal-ikklerjar li jissodisfa l-kriterji msemmija fl-Artikolu 37(1) meta dan ir-rifjut għall-aċċess ma jkunx debitament iġġustifikat bil-miktub u bbażat fuq analiżi tar-riskju komprensiva;

(ae) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 38(1) jekk ma tippermettix lill-klijenti tal-membri tal-ikklerjar tagħha aċċess separat għas-servizzi speċifiċi pprovduti;

(af) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 39(7) jekk ma toffrix il-livelli differenti ta' segregazzjoni msemmija f'dak il-paragrafu b'kundizzjonijiet kummerċjali raġonevoli.

VI. Ksur relatat ma' rekwiżiti operazzjonali:

(a) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 34(1) jekk ma tistabilix, ma timplimentax jew ma żżommx politika adegwata ta' kontinwità tal-operat u pjan ta' rispons u ta' rkupru stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/2554, bil-għan li jiżguraw il-preżervazzjoni tal-funzjonijiet tagħha, l-irkupru bla dewmien tal-operazzjonijiet u l-issodisfar tal-obbligi tas-CCP, li tal-anqas jippermettu l-irkupru tat-tranżazzjonijiet kollha fil-waqt tat-tfixkil biex is-CCP tkun tista' tkompli topera b'ċertezza u tikkompleta s-saldu fid-data skedata;

(b) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 34(2) jekk ma tistabilix, ma timplimentax jew ma żżommx proċedura adegwata li għandha l-għan li tiżgura saldu f'waqt u ordnat jew it-trasferiment tal-assi u tal-pożizzjonijiet tal-klijenti u tal-membri tal-ikklerjar fil-każ li l-awtorizzazzjoni tiġi rtirata b'konsegwenza ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 20;

(c) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 35(1), it-tieni subparagrafu, jekk testernalizza attivitajiet ewlenin marbuta mal-immaniġġjar tar-riskji ta' dik is-CCP mingħajr l-approvazzjoni tal-AETS;

(d) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 39(1) jekk ma żżommx rekords u kontijiet separati li jippermettulha, fi kwalunkwe ħin u mingħajr dewmien, tiddistingwi fil-kontijiet mas-CCP l-assi u l-pożizzjonijiet miżmuma għall-kont ta' membru tal-ikklerjar wieħed mill-assi u l-pożizzjonijiet miżmuma għall-kont ta' kwalunkwe membru tal-ikklerjar ieħor u mill-assi tagħha stess;

(e) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 39(2) jekk ma toffrix li żżomm u jekk ma żżommx, meta hekk mitluba, rekords u kontijiet separati li jippermettu li kull membru tal-ikklerjar jiddistingwi fil-kontijiet mas-CCP l-assi u l-pożizzjonijiet ta' dak il-membru tal-ikklerjar minn dawk miżmuma għall-kont tal-klijenti tagħha;

(f) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 39(3) jekk ma toffrix li żżomm u jekk ma żżommx, meta hekk mitluba, rekords u kontijiet separati li jippermettu li kull membru tal-ikklerjar jiddistingwi fil-kontijiet mas-CCP l-assi u l-pożizzjonijiet miżmuma għall-kont ta' klijent minn dawk miżmuma għall-kont ta' klijenti oħra, jew jekk ma toffrix lill-membri tal-ikklerjar tagħha l-possibbiltà li jifih aktar kontijiet f'isimhom għall-kont tal-klijenti tagħhom meta hekk mitluba;

(g) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 40 jekk ma tkejjilx u ma tivvalutax il-likwidità u l-iskoperturi ta' kreditu tagħha għal kull membru tal-ikklerjar u, meta rilevanti, għal CCP oħra li magħha tkun ikkonkludiet arranġament tal-interoperabilità fuq bażi ta' kważi ħin reali jew jekk ma jkollhiex aċċess għas-sorsi tal-ipprezzar rilevanti biex tkejjel l-iskoperturi tagħha b'mod effettiv fuq bażi raġonevoli ta' kost;

(h) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 41(1) jekk ma timponix, ma tappellax jew ma tiġborx marġnijiet biex tillimita l-iskoperturi ta' kreditu tagħha mill-membri tal-ikklerjar tagħha, u meta rilevanti, minn CCPs li magħhom tkun ikkonkludiet arranġament tal-interoperabilità, jew jekk timponi, tappella jew tiġbor marġnijiet li ma jkunux biżżejjed biex ikopru l-iskoperturi li s-CCP tqis li se jinħolqu sal-likwidazzjoni tal-pożizzjonijiet rilevanti jew biex ikopru t-telfiet li jirriżultaw minn tal-anqas 99 % tal-movimenti fl-iskoperturi fuq perjodu ta' żmien xieraq jew biżżejjed biex jiżguraw li s-CCP tikkollateralizza b'mod sħiħ l-iskoperturi tagħha mal-membri tal-ikklerjar kollha tagħha, u meta rilevanti mas-CCPs kollha li magħhom ikkonkludiet arranġament tal-interoperabilità, tal-anqas fuq bażi ta' kuljum, jew, jekk tonqos milli timmonitorja kontinwament u tirrevedi l-livell ta' marġnijiet biex jiġu riflessi l-kundizzjonijiet tas-suq kurrenti filwaqt li tqis kwalunkwe effett potenzjalment proċikliku;

(i) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 41(2) jekk tonqos milli tadotta mudelli u parametri meta tiddetermina r-rekwiżiti tal-marġni tagħha li jaqdbu l-karatteristiċi tar-riskju tal-prodotti kkerjati filwaqt li tqis l-intervall bejn il-ġbir tal-marġni, il-likwidità tas-suq u l-possibbiltà ta' bidliet tul id-durata tat-tranżazzjoni;

(j) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 41(3) jekk ma tappellax għall-marġnijiet u ma tiġborhomx fuq bażi tal-istess jum, tal-anqas meta jinqabżu l-limiti predefiniti jew jekk iżżomm il-pagamenti tal-marġnijiet ta' varjazzjoni tal-istess jum wara li tkun għabret dawn il-pagamenti kollha dovuti, minflok ma tgħaddihom, meta possibbli;

(k) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 42(3) jekk ma żżommx fond tal-inadempjenza li tal-anqas jippermettilha tirreżisti, taħt kundizzjonijiet tas-suq estremi iżda plawżibbli, l-inadempjenza tal-membru tal-ikklerjar li għalih għandha l-akbar skoperturi, jew tat-tieni jew it-tielet l-akbar membri tal-ikklerjar jekk it-total tal-iskoperturi tagħhom ikun akbar, jew jekk tiżviluppa xenarji li ma jinkludux l-aktar periodi volatili li jkunu ġew esperjenzati mis-swieq li għalihom is-CCP tipprovdi s-servizzi tagħha u firxa ta' xenarji futuri potenzjali, li jqisu l-bejgħ għal għarrieda ta' riżorsi finanzjarji u tnaqqis rapidu fil-likwidità tas-suq;

(l) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 43(2) jekk il-fond tal-inadempjenza tagħha msemmi fl-Artikolu 42 u r-riżorsi finanzjarji l-oħra tagħha msemmija fl-Artikolu 43(1) ma jippermettulhiex tirreżisti l-inadempjenza taż-żewġ membri tal-ikklerjar li għalihom għandha l-akbar skoperturi taħt kundizzjonijiet tas-suq estremi iżda plawżibbli;

(m) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 44(1) jekk ma jkollhiex aċċess f'kull ħin għal likwidità adegwata biex twettaq is-servizzi u l-attivitajiet tagħha jew jekk ma tkejjilx ta' kuljum il-bżonnijiet potenzjali ta' likwidità tagħha;

(n) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 45(1), (2) u (3) jekk ma tużax il-marġnijiet li jiddaħħlu minn membru tal-ikklerjar inadempjenti qabel riżorsi finanzjarji oħra biex jiġi kopert it-telf;

(o) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 45(4) jekk ma tużax riżorsi proprji ddedikati qabel ma tuża l-kontribuzzjonijiet għall-fond tal-inadempjenza ta' membri tal-ikklerjar mhux inadempjenti;

(p) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 45a(1) jekk tiegħu kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet elenkati fil-punti (a), (b) u (c) ta' dak il-paragrafu meta l-ESMA tkun talbet lis-CCP toqgħod lura milli tiegħu kwalunkwe azzjoni bħal din għal perjodu speċifikat mill-AETS;

(q) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 46(1) jekk taċċetta kwalunkwe ħaġa oħra għajr kollateral likwidu ħafna b'riskju minimu ta' kreditu u tas-suq biex tkopri l-iskopertura inizjali u kontinwa tagħha għall-membri tal-ikklerjar tagħha meta kollateral ieħor ma jkunx permess skont l-att delegat adottat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 46(3);

(r) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 46(1) jekk taċċetta garanziji pubbliċi, garanziji bankarji pubbliċi jew garanziji bankarji kummerċjali, meta tali garanziji ma jkunux disponibbli mingħajr kundizzjonijiet fuq talba fil-perjodu ta' likwidazzjoni msemmi fl-Artikolu 41, jew jekk fir-regoli operattivi tagħha, ma tistabbilix il-livell minimu aċċettabbli ta' kollateralizzazzjoni għall-garanziji li taċċetta, jew jekk taċċetta garanziji pubbliċi, garanziji bankarji pubbliċi jew garanziji ta' banek kummerċjali biex ikopru skoperturi minbarra l-iskopertura inizjali u kontinwa tagħha għall-membri tal-ikklerjar tagħha li huma kontropartijiet mhux finanzjarji jew għal klijenti ta' membri tal-ikklerjar, dment li dawk il-klijenti ta' membri tal-ikklerjar ikunu kontropartijiet mhux finanzjarji jew, meta garanziji pubbliċi, garanziji ta' banek pubbliċi jew garanziji ta' banek kummerċjali jiġu pprovduti lis-CCP, mingħajr ma jkun hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti skont it-tielet subparagrafu, il-punti (a) sa (e) ta' dak il-paragrafu;

(s) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 47(1) jekk tinvesti r-riżorsi finanzjarji tagħha f'affarijiet oħra minn flus kontanti jew strumenti finanzjarji likwidi ħafna b'riskju minimu tas-suq u ta' kreditu u li jkunu kapaċi li jiġu llikwidati rapidament b'effett avvers minimu fuq il-prezz;

(t) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 47(3) jekk ma tiddepożita strumenti finanzjarji depożitati bħala marġnijiet jew bħala kontribuzzjonijiet għall-fond tal-inadempjenza ma' operaturi ta' sistemi ta' saldu ta' titoli li jiżguraw il-protezzjoni sħiħa ta' dawk l-istrumenti finanzjarji meta dawk ikunu disponibbli, jew jekk ma tużax arranġamenti oħra siguri ħafna ma' istituzzjonijiet finanzjarji awtorizzati;

(u) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 47(4) jekk tagħmel depożiti ta' flus kontanti għajr permezz ta' arranġamenti siguri ħafna ma' istituzzjonijiet finanzjarji awtorizzati jew inkella permezz tal-użu tal-faċilitajiet permanenti ta' depożiti tal-banek ċentrali jew mezzi komparabbli oħra pprovduti mill-banek ċentrali;

(v) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 47(5) jekk tiddepożita assi ma' parti terza mingħajr ma tiżgura li l-assi li jappartjenu lill-membri tal-ikklerjar ikunu identifikabbli b'mod separat mill-assi li jappartjenu lis-CCP u mill-assi li jappartjenu lil dik il-parti terza permezz ta' kontijiet

b'titoli differenti fil-kotba tal-parti terza jew kwalunkwe miżura ekwivalenti oħra li tilħaq l-istess livell ta' protezzjoni, jew jekk ma jkollhiex aċċess minnufih għall-istrumenti finanzjarji meta dan ikun meħtieġ;

(w) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 47(6) jekk tinvesti l-kapital tagħha jew l-ammonti li jirriżultaw mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 41 sa 44 fit-titoli tagħha stess jew dawk tal-impriża prinċipali jew sussidjarja tagħha;

(x) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 48(1) jekk ma jkollhiex stabbiliti proċeduri dettaljati li għandhom jiġu segwiti meta membru tal-ikklerjar ma jikkonformax mar-rekwiżiti ta' parteċipazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 37 fil-limitu taż-żmien u f'konformità mal-proċeduri stabbiliti mis-CCP, jew jekk ma tistabilix fid-dettall il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti f'każ li l-inadempjenza ta' membru tal-ikklerjar ma tkunx iddikjarata mis-CCP, jew jekk ma tagħmilx rieżami ta' dawn il-proċeduri kull sena;

(y) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 48(2) jekk tonqos milli tiegħu azzjoni minnufih biex tillimita t-telf u l-pressjonijiet ta' likwidità li jirriżultaw minn inadempjenzi tal-membri tal-ikklerjar u milli tiżgura li s-saldu ta' kwalunkwe pożizzjoni tal-membri tal-ikklerjar ma jfjixkilx l-operazzjonijiet tagħha jew jesponi lill-membri tal-ikklerjar mhux inadempjenti għal telf li ma jistgħux jantiċipaw jew jikkontrollaw;

(z) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 48(3) jekk tonqos milli tinforma lill-EMSA minnufih qabel ma tiġi ddikjarata jew skattata l-proċedura ta' inadempjenza;

(aa) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 48(4) jekk ma tivverifikax li l-proċeduri tal-inadempjenza tagħha huma infurzabbli u ma tiħux il-passi raġonevoli kollha biex tiżgura li jkollha s-setgħat legali biex tillikwida l-pożizzjonijiet proprjetarji tal-membri tal-ikklerjar inadempjenti u biex tittrasferixxi jew tillikwida l-pożizzjonijiet tal-klijenti tal-membri tal-ikklerjar inadempjenti;

(ab) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 49(1) jekk ma tirrieżaminax regolarment il-mudelli u l-parametri adottati tagħha biex tikkalkula r-rekwiżiti tal-marġini tagħha, il-kontribuzzjonijiet għal fond tal-inadempjenza, ir-rekwiżiti tal-kollateral jew mekkaniżmi oħra ta' kontroll tar-riskju; jekk ma tagħmilx dawk il-mudelli soġġetti għal testijiet tal-istress rigorużi u frekwenti biex tivvaluta r-reżiljenza tagħhom f'kundizzjonijiet tas-suq estremi iżda plawżibbli; jekk ma twettaqx testijiet retrospettivi biex tivvaluta l-affidabbiltà tal-metodoloġija adottata; jekk tonqos milli tikseb validazzjoni indipendenti; jekk tonqos milli tinforma lill-ESMA dwar ir-riżultati tat-testijiet imwettqa; jew jekk tonqos milli tikseb il-validazzjoni tal-ESMA qabel ma tadotta kwalunkwe bidla sinifikanti fil-mudelli u l-parametri fejn l-ESMA ma kinitx tippermetti adozzjoni provviżorja ta' dik il-bidla qabel il-validazzjoni tagħha;

(ac) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 49(2) jekk ma tittestjax regolarment l-aspetti ewlenin tal-proċeduri tal-inadempjenza tagħha jew jekk tonqos milli tiegħu l-passi raġonevoli kollha biex tiżgura li l-membri tal-ikklerjar kollha jifhmuhom u jkollhom stabbiliti arranġamenti xierqa biex jirrispondu għal avveniment ta' inadempjenza;

(ad) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 50(1) jekk ma tużax, meta jkun prattiku jew disponibbli, flus tal-bank ċentrali biex tissalda t-tranżazzjonijiet tagħha jew jekk ma tiħux passi biex tillimita b'mod strett ir-riskji ta' saldu bi flus kontanti meta ma jintużawx il-flus tal-bank ċentrali;

(ae) CCP tal-Grad 2 tikser l-Artikolu 50(3) jekk ma teliminax ir-riskji prinċipali permezz tal-użu ta' mekkaniżmi ta' konsenja kontra ħlas sa fejn possibbli, meta dik is-CCP ikollha obbligu li tagħmel jew tirċievi konsenji ta' strumenti finanzjarji;

(af) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 50a jew l-Artikolu 50b jekk ma tikkalkulax il-KCCP kif speċifikat f'dawk l-Artikoli jew jekk ma timxix mar-regoli għall-kalkolu tal-KCCP stabbiliti fl-Artikoli 50a(2), 50b u 50d;

(ag) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 50a(3) jekk tikkalkula l-KCCP anqas minn darba kull 3 xhur jew anqas frekwentement milli mitlub mill-ESMA f'konformità mal-Artikolu 50a(3);

(ah) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 51(2) jekk ma jkollhiex aċċess mhux diskriminatorju kemm għad-data li tkun teħtieġ għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha minn post tan-negozju sal-punt li s-CCP tikkonforma mar-rekwiżiti operazzjonali u tekniċi stabbiliti minn dak il-post tan-negozju u għas-sistema ta' saldu rilevanti;

(ai) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 52(1) jekk tidħol f'arranġament tal-interoperabilità mingħajr ma tissodisfa l-ebda wieħed mir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a) sa (d) ta' dak il-paragrafu;

(aj) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 53(1) jekk ma tidistingwix fil-kontijiet l-assi u l-pożizzjonijiet miżmuma għall-kont ta' CCP oħra li tkun daħlet f'arranġament tal-interoperabilità magħha;

(ak) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 54(1) jekk tidħol f'arranġament tal-interoperabilità, jew tagħmel bidla materjali f'arranġament tal-interoperabilità approvat skont it-Titolu V, mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tal-ESMA.

VII. Ksur relatat mat-trasparenza u d-disponibbiltà tal-informazzjoni:

(a) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 38(1) jekk ma tiżvelax pubblikament il-prezzijiet u t-tariffi ta' kull servizz ipprovdut separatament, inklużi l-iskontijiet u r-ribassi u l-kundizzjonijiet għall-benefiċċju minn tali tnaqqis;

(b) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 38(1) jekk ma tiżvelax l-informazzjoni dwar il-kostijiet u d-dħul tas-servizzi tagħha lill-ESMA;

(c) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 38(2) jekk ma tiżvelax lill-membri tal-ikklerjar tagħha u lill-klijenti tagħhom ir-riskji assoċjati mas-servizzi pprovduti;

(d) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 38(3) jekk ma tiżvelax lill-membri tal-ikklerjar tagħha jew lill-ESMA l-informazzjoni dwar il-prezz użata għall-kalkolu tal-iskoperturi tagħha fi tmiem il-jum lill-membri tal-ikklerjar tagħha jew jekk ma tiżvelax pubblikament il-volum tat-tranżazzjonijiet ikklerjati għal kull strument ikklerjat mis-CCP fuq bażi aggregata;

(e) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 38(4) jekk ma tiżvelax pubblikament ir-rekwiżiti operazzjonali u tekniċi marbuta mal-protokoll tal-komunikazzjoni li jkopru l-formati tal-kontenut u tal-messaġġ li hija tuża fl-interazzjoni ma' partijiet terzi, inklużi r-rekwiżiti operazzjonali u tekniċi msemmija fl-Artikolu 7;

(f) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 38(5) jekk ma tiżvelax pubblikament kwalunkwe ksur mill-membri tal-ikklerjar tal-kriterji msemmija fl-Artikolu 37(1) jew tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 38(1), għajr meta l-ESMA tkun ikkunsidrat li dan l-iżvelar ikun jikkostitwixxi theddida għall-istabbiltà finanzjarja jew għall-fiduċja tas-suq jew ikun jipperikola serjament is-swieq finanzjarji jew jikkawża danni sproporzjonati lill-partijiet involuti;

(g) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 38(6) jekk ma tipprovdix lill-membri tal-ikklerjar tagħha għodda ta' simulazzjoni li tippermettilhom jiddeterminaw l-ammont ta' marġni inizjali addizzjonali, fil-livell tal-portafoll, li s-CCP tista' tirrikjedi mal-ikklerjar ta' tranżazzjoni ġdida, inkluża simulazzjoni tar-rekwiżiti tal-marġni li jaf ikunu soġġetti għalihom f'xenarji differenti, jew jekk ma tagħmilx dik l-għodda aċċessibbli fuq bażi ta' aċċess sigur;

(h) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 38(7) jekk ma tipprovdix lill-membri tal-ikklerjar tagħha informazzjoni dwar il-mudelli ta' marġnijiet inizjali użati minnha, kif spjegat fid-dettall fil-punti (a), (b) u (c) ta' dak il-paragrafu, b'mod ċar u trasparenti;

(g) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 38(8) jekk ma tipprovdix, jew tipprovdix b'dewmien sinifikanti, b'rispons għal talba minn membru tal-ikklerjar, l-informazzjoni mitluba biex tippermetti lil dak il-membri tal-ikklerjar jikkonforma mal-ewwel subparagrafu ta' dak il-paragrafu, meta tali informazzjoni ma tkunx diġà ġiet ipprovduta;

(h) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 39(7) jekk ma tiżvelax pubblikament il-livelli tal-protezzjoni u l-kostijiet assoċjati mal-livelli differenti ta' segregazzjoni li hija tipprovdix;

(i) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 49(3) jekk ma tiżvelax pubblikament aspetti ewlenin fir-rigward tal-mudell tal-ġestjoni tar-riskju tagħha jew il-preżunzjonijiet adottati għat-tweqqif tat-test tal-istress imsemmi fl-Artikolu 49(1);

(j) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 50(2) jekk ma tiddikjarax b'mod ċar l-obbligi tagħha fir-rigward tal-konsenja ta' strumenti finanzjarji, inkluż jekk ikollhiex obbligu li tagħmel jew tirċievi konsenja ta' strument finanzjarju jew li tindennizza lill-partiċipanti għal telf imġarrab fil-proċess tal-konsenja;

(k) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 50c(1) jekk ma tirrapportax l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 50c(1), il-punti (a) sa (e), lil dawk il-membri tal-ikklerjar tagħha li huma istituzzjonijiet jew lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom;

(l) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 50c(2) jekk tinnotifika lil dawk il-membri tal-ikklerjar tagħha li huma istituzzjonijiet anqas minn darba kull 3 xhur jew anqas frekwentement milli mitlub mill-ESMA f'konformità mal-Artikolu 50c(2).

VIII. Ksur relatat mal-ostakli għall-attivitajiet superviżorji:

(a) CCP sinifikanti tikser l-Artikolu 22c u r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 jekk tonqos milli tipprovdix informazzjoni b'rispons għal deċiżjoni li tirrikjedi informazzjoni skont l-istess paragrafu jew jekk tipprovdix informazzjoni mhux korretta jew qarrieqa b'rispons għal talba sempliċi għal informazzjoni jew deċiżjoni mill-ESMA f'konformità mal-istess paragrafu u d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010;

(b) CCP sinifikanti jew ir-rappreżentanti tagħha jipprovdix tweġibiet mhux korretti jew qarrieqa għall-mistoqsijiet li jsiru skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010;

(c) CCP sinifikanti tikser id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 jekk ma tikkonformax mat-talba tal-ESMA għar-rekords tat-traffiku tat-telefown jew tad-data;

(d) CCP sinifikanti ma tikkonformax fi żmien xieraq ma' miżura superviżorja meħtieġa minn deċiżjoni adottata mill-ESMA skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010;

(e) CCP sinifikanti ma tissottomettix ruħha għal spezzjoni fuq il-post meħtieġa minn deċiżjoni ta' spezzjoni adottata mill-ESMA skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”.

ANNEX IV

“ANNEX

LISTA TA' KSUR IMSEMMI FL-ARTIKOLI 10(a) SA 10(e)

Ksur relatat ma' skemi ta' saldu:

- (a) detentur ta' kont tad-DLT jikser l-Artikolu 10b(2) jekk jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 7(1), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 7(2), (4) u (5) u l-Artikolu 7(6), l-ewwel u t-tieni subparagrafu;
- (b) detentur ta' kont tad-DLT li jipprovdi servizzi ewlenin tas-CSD b'mod konġunt ma' nutar tad-DLT, SS tad-DLT, TSS jew CSD li jopera biss skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014, jikser l-Artikolu 10b(8) jekk ma jispesifikax ir-rwol u r-responsabbiltajiet tiegħu fil-forniment ta' dawk is-servizzi fi ftehim bil-miktub legalment vinkolanti jew jekk ma jinnotifikax dak il-ftehim bil-miktub lill-awtoritajiet kompetenti rispettivi tiegħu, flimkien ma' informazzjoni ċara dwar liema entità tipprovdi servizzi ewlenin tas-CSD għal liema strumenti finanzjarji tad-DLT jew kategoriji ta' strumenti finanzjarji tad-DLT;
- (c) detentur ta' kont tad-DLT jikser l-Artikolu 10c(1) jekk ma jissaldax tranżazzjonijiet biss fi ħdan skema ta' saldu awtorizzata skont l-Artikolu 10d;
- (d) detentur ta' kont tad-DLT jikser l-Artikolu 10c(1) jekk ma jissaldax tranżazzjonijiet biss ma' detenturi ta' kontijiet oħra tad-DLT li huma parti mill-istess skema ta' saldu;
- (e) detentur ta' kont tad-DLT jikser l-Artikolu 10c(2) jekk ma jiżgurax li t-tranżazzjonijiet kollha jiġu ssaldati biss ma' depożiti tal-bank ċentrali miżmuma mal-bank ċentrali tal-ħruġ tal-munita rilevanti, li t-tranżazzjonijiet kollha fi strumenti finanzjarji tad-DLT li jinvolvu parti ta' flus jiġu ssaldati fuq bażi ta' DVP, li, tal-anqas fil-jum tad-data tas-saldu, l-iskema ta' saldu tipprovdi finalità adegwata tas-saldu ta' trasferimenti ta' flus kontanti u strumenti finanzjarji tad-DLT, u li l-iskema ta' saldu timmaniġġja b'mod effettiv ir-riskji legali, kummerċjali u operazzjonali tagħha;
- (f) detentur ta' kont tad-DLT jikser l-Artikolu 10c(3) jekk ma jiżgurax li l-iskema ta' saldu li huwa jagħmel parti minnha, u kull detentur ta' kont tad-DLT li jipparteċipa fl-iskema ta' saldu, jikkonformaw mar-rekwiżiti skont il-punt (a) sa (c) ta' dak l-Artikolu;
- (g) detentur ta' kont tad-DLT jikser l-Artikolu 10c(4) jekk ma jidentifikax sorsi ta' riskju operazzjonali għall-funzjonament tal-iskema ta' saldu u jimminimizza l-impatt tagħhom;
- (h) detentur ta' kont tad-DLT jikser l-Artikolu 10c(5) jekk ma jistabilix, ma jimplimentax u ma jżommx politika adegwata ta' kontinwità tal-operat u pjan ta' rkupru minn diżastri biex jiżgura l-preżervazzjoni ta' attivitajiet ta' saldu fi ħdan l-iskema ta' saldu u l-irkupru f'waqtu tal-operazzjonijiet tiegħu;
- (i) detentur ta' kont tad-DLT jikser l-Artikolu 10c(5) jekk ma jidentifikax, ma jimmonitorjax u ma jimmaniġġjax ir-riskji li l-fornituri tas-servizzi u tal-utilitajiet għandhom imnejn joħolqu għall-operazzjonijiet tiegħu;
- (j) detentur ta' kont tad-DLT li jipprovdi servizzi bankarji lill-klijenti tiegħu, relatati mal-attività ta' saldu fi ħdan l-iskema ta' saldu, jikser l-Artikolu 10c(6) jekk ma jikkonformax mar-rekwiżiti prudenzjali speċifiċi għar-riskji ta' kreditu stabbiliti fil-punti (a) sa (f) ta' tali Artikolu relatati ma' dawk is-servizzi;
- (k) detentur ta' kont tad-DLT li jipprovdi servizzi bankarji lill-klijenti tiegħu, relatati mal-attività ta' saldu fi ħdan l-iskema ta' saldu, jikser l-Artikolu 10c(7) jekk ma jikkonformax

mar-rekwiżiti prudenzjali speċifiċi għar-riskji ta' likwidità stabbiliti fil-punti (a) sa (e) ta' tali Artikolu relatati ma' dawk is-servizzi;

(l) detentur ta' kont tad-DLT li jipparteċipa fi skema ta' saldu jikser l-Artikolu 10c(8) jekk ma jidħolx fi ftehim bil-miktub legalment vinkolanti li jispeċifika b'mod ċar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tad-detenturi ta' kontijiet tad-DLT fi ħdan l-iskema ta' saldu;

(m) detentur ta' kont tad-DLT jikser l-Artikolu 10c(8) jekk ikun membru ta' aktar minn żewġ skemi ta' saldu jew jekk jipparteċipa fi skema ta' saldu mhux magħmula minn tal-anqas żewġ detenturi ta' kontijiet tad-DLT;

(n) detentur ta' kont tad-DLT jikser l-Artikolu 10c(9) jekk ma jattivax l-istrateġija ta' tranżizzjoni msemmija fl-Artikolu 10(e) jew jekk ma jinnotifikax lill-ESMA bl-attivazzjoni tal-istrateġija ta' tranżizzjoni tiegħu u bl-iskeda ta' żmien għat-tranżizzjoni, fejn il-valur tas-suq aggregat ikun laħaq l-ammont speċifikat skont l-Artikolu 3(3);

(o) detentur ta' kont tad-DLT jikser l-Artikolu 10c(9) jekk ma jattivax l-istrateġija ta' tranżizzjoni meta l-istrumenti finanzjarji tad-DLT ikunu titoli trasferibbli maħruġa mill-SMEs u meta l-valur tas-suq ta' dawk it-titoli trasferibbli jilħaq EUR 45 biljun;

(p) detentur ta' kont tad-DLT jikser l-Artikolu 10c(10) jekk ma jirrapportax lill-ESMA fuq bażi ta' kull xahar l-informazzjoni elenkata fil-punti (a) sa (e) ta' tali Artikolu jew jekk ma jirrapportax informazzjoni dettaljata biżżejjed biex jivverifika l-konformità tal-iskema ta' saldu u s-sidien ta' kontijiet tad-DLT parteċipanti ma' tali Artikolu;

(r) detentur ta' kont tad-DLT jikser l-Artikolu 10d(2) jekk ma jissottomettix lill-AETS l-informazzjoni stabbilita fil-punti (a) sa (g) ta' tali Artikolu;

(s) detentur ta' kont tad-DLT jikser l-Artikolu 10d(2) jekk ma jinnotifikax lill-ESMA mingħajr dewmien żejjed dwar kwalunkwe bidla materjali fl-informazzjoni notifikata qabel dwar l-iskema ta' saldu;

(t) detentur ta' kont tad-DLT li jingħaqad mal-iskema ta' saldu wara l-bidu tal-operazzjonijiet tiegħu jikser l-Artikolu 10d(2) jekk ma jissottomettix lill-ESMA informazzjoni dwar il-kompożizzjoni l-għdida tal-iskema ta' saldu tal-anqas xahar qabel ma jibda jissalda l-istrumenti finanzjarji tad-DLT;

(u) detentur ta' kont tad-DLT jikser l-Artikolu 10e(2) jekk ma jistabbilix u ma jagħmilx disponibbli għall-pubbliku strateġija ta' tranżizzjoni ċara u dettaljata għat-tnaqqis tal-attività ta' skema ta' saldu partikolari meta meħtieġ skont il-punti (a) sa (c) jew jekk ma jiżgurax li l-istrateġija ta' tranżizzjoni tissodisfa r-rekwiżiti elenkati fl-Artikolu 10(e)(2) u (3).”.

ANNEX V

“ANNEX VII

LISTA TA' KSUR IMSEMMI FIT-TITOLI V U VI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TAL-KRIPTOASSI

1. Persuna tikser l-Artikolu 59(1) jekk tipprovdi servizzi tal-kriptoassi mingħajr ma tkun ġiet awtorizzata f'konformità mal-Artikolu 63 jew mingħajr ma titħalla tipprovdi servizzi tal-kriptoassi skont l-Artikolu 60.
2. Entità li titħalla tipprovdi servizzi tal-kriptoassi skont l-Artikolu 60(2) sa (6) tikser l-Artikolu 60(6a) jekk ma tissottomettix informazzjoni annwali lill-ESMA dwar il-fatturat annwali totali tagħha, b'mod partikolari, liema perċentwal tal-fatturat annwali totali tagħha skont l-aħħar rapporti finanzjarji disponibbli approvati mill-korp maniġerjali tagħha, jiġi ġġenerat mill-forniment ta' servizzi tal-kriptoassi.
3. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 65(1) jekk ma jissottomettix l-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (d) ta' dak l-Artikolu.
4. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 66(1) jekk ma jaġixxix b'mod onest u professjonali f'konformità mal-aħjar interessi tal-klijenti u tal-klijenti prospettivi tiegħu.
5. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 66(2) jekk ma jikkomunikax mal-klijenti tiegħu b'mod ġust, ċar u mhux qarrieqi.
6. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 66(3) jekk ma jwissix lill-klijenti dwar ir-riskji assoċjati mat-tranżazzjonijiet fil-kriptoassi.
7. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 66(4) jekk ma jaġhmilx il-politiki tiegħu dwar l-ipprezzar, il-kostijiet u t-tariffi disponibbli għall-pubbliku.
8. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 66(5) jekk ma jaġhmilx disponibbli għall-pubbliku, f'post prominenti fuq is-sit web tiegħu, informazzjoni relatata mal-impatti negattivi prinċipali fuq il-klima u impatti negattivi oħra relatati mal-ambjent tal-mekkaniżmu ta' kunsens użat biex jinħareġ kull kriptoassi li fir-rigward tiegħu jipprovdi s-servizzi.
9. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 67(1) jekk ma jkollhomx fis-seħħ salvagwardji prudenzjali ta' ammonti tal-anqas ugwali għall-ogħla wieħed minn dawk stabbiliti fil-punt (a) jew (b) ta' dak il-paragrafu.
10. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 67(4) jekk il-fondi proprji tiegħu ma jkunux jikkonsistu mill-elementi u strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 msemmija fl-Artikoli 26 sa 30 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 wara t-tnaqqis sħiħ, skont l-Artikolu 36 ta' dak ir-Regolament, mingħajr l-applikazzjoni ta' eżenzjonijiet b'rabta mal-livell limitu skont l-Artikoli 46 u 48 ta' dak ir-Regolament, jew ma jkollux polza tal-assigurazzjoni li tkopri t-territorji tal-Unjoni fejn jiġu pprovdu servizzi tal-kriptoassi jew garanzija komparabbli u ma jikkonformax mal-kundizzjonijiet tal-paragrafi 5 jew 6 ta' dak l-Artikolu.
11. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 68(1) jekk ikollu membri tal-korp maniġerjali tiegħu li ma jkollhomx reputazzjoni tajba biżżejjed jew ma jkollhomx l-għarfien, il-ħiliet u l-esperjenza xierqa, kemm individwalment kif ukoll

kollettivament, biex iwettqu dmirijiethom jew ma jurux li huma kapaċi jiddedikaw biżżejjed ħin biex iwettqu dmirijiethom b' mod effettiv.

12. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 68(2) jekk ikollu azzjonisti jew membri, kemm jekk diretti kif ukoll jekk indiretti, b'parteċipazzjonijiet kwalifikanti li ma għandhomx reputazzjoni tajba biżżejjed.
13. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 68(4) jekk ma jadottax politiki u proċeduri li jkunu effettivi biżżejjed biex jiżguraw il-konformita' ma' dan ir-Regolament.
14. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 68(5) jekk ma jimpjegax persunal bl-għarfien, bil-ħiliet u bl-għarfien espert meħtieġa għat-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħhom allokatilhom.
15. Il-membri tal-korp maniġerjali ta' fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jiksru l-Artikolu 68(6) jekk ma jivvalutawx u ma jirrieżaminawx perjodikament l-effettivita' tal-arranġamenti u tal-proċeduri ta' politika stabbiliti biex tintlaħaq konformita' mal-Kapitoli 2 u 3 tat-Titolu V u ma jidhux il-miżuri xierqa biex jindirizzaw kwalunkwe nuqqas f'dak ir-rigward.
16. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 68(7) jekk ma jiħux il-passi raġonevoli kollha biex jiżgura l-kontinwita' u r-regolarita' fit-twettiq tas-servizzi tal-kriptoassi tiegħu u jekk ma jużax riżorsi u proċeduri xierqa u proporzjonati, inklużi sistemi tal-ICT reżiljenti u siguri kif meħtieġ mir-Regolament (UE) 2022/2554, jew jekk ma jistabbilix politika ta' kontinwita' tal-operat li tinkludi pjanijiet ta' kontinwita' tal-operat tal-ICT kif ukoll pjanijiet ta' rispons u ta' rkupru tal-ICT stabbiliti skont l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament (UE) 2022/2554 li jkollhom l-għan li jiżguraw, f'każ ta' interruzzjoni fis-sistemi u l-proċeduri tal-ICT tiegħu, il-preżervazzjoni ta' data u funzjonijiet essenzjali u l-manutenzjoni ta' servizzi tal-kriptoassi jew, meta dawn ma jkunux possibbli, l-irkupru f'waqtu ta' tali data u funzjonijiet u t-tkomplija f'waqtha tas-servizzi tal-kriptoassi.
17. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 68(8) jekk ma jkollux stabbiliti mekkaniżmi, sistemi u proċeduri kif meħtieġ mir-Regolament (UE) 2022/2554, kif ukoll proċeduri u arranġamenti effettivi għall-valutazzjoni tar-riskju, biex jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li tittrasponi [id-Direttiva (UE) 2015/849] u jekk ma jimmonitorjax u, fuq bażi regolari, ma jevalwax l-adegwatezza u l-effettivita' ta' dawk il-mekkaniżmi, is-sistemi u l-proċeduri.
18. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 68(9) jekk ma jarax li jinżammu rekords tas-servizzi, tal-attivitajiet, tal-ordnijiet u tat-tranżazzjonijiet tal-kriptoassi kollha li jkun wettaq.
19. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 69 jekk ma jinnotifikax mingħajr dewmien kwalunkwe bidla fil-korp maniġerjali tiegħu, qabel l-eżerċitar tal-attivitajiet minn kwalunkwe membru ġdid.
20. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 70(1) jekk ma jissalvagwardjax id-drittijiet tas-sjieda tal-klijenti, speċjalment fil-każ tal-insolvenza tal-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi, u jekk ma jipprevjenix l-użu tal-kriptoassi tal-klijenti għan-nom proprju tagħhom.
21. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 70(2) jekk ma jkollux arranġamenti adegwati stabbiliti biex jissalvagwardja d-drittijiet tas-sjieda tal-klijenti u jipprevjeni l-użu tal-fondi tal-klijenti għan-nom proprju tagħhom, meta l-mudell ta'

negozju tiegħu jirrikjedi li jinżammu fondi tal-klijenti għajr it-tokens tal-flus elettroniċi.

22. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 70(3) jekk ma jpoġġix il-fondi tal-klijenti ma' istituzzjoni ta' kreditu jew ma' bank ċentrali sa tmiem il-jum ta' negozju wara l-jum li fih ikunu waslu l-fondi tal-klijenti għajr it-tokens tal-flus elettroniċi, u li l-fondi ma jkunux miżmuma f'kont identifikabbli separatament minn kwalunkwe kont użat biex jinżammu fondi li jappartjenu għall-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi.
23. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 70(4) jekk jipprovdi servizzi ta' pagament iżda ma jinfurmax lill-klijenti tiegħu bin-natura u t-termini ta' dawk is-servizzi, inklużi referenzi għal-liġi nazzjonali applikabbli u għad-drittijiet tal-klijenti, jew jekk dawk is-servizzi jiġux ipprovduti minnu direttament jew minn parti terza.
24. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 71(1) jekk ma jstabilix u ma jżommx proċeduri effettivi u trasparenti għat-trattament fil-pront, ġust u konsistenti tal-ilmenti li jaslu mingħand il-klijenti.
25. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 71(2) jekk ma jippermettix lill-klijenti jressqu ilmenti mingħajr ħlas.
26. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 71(3) jekk ma jinfurmax lill-klijenti dwar il-possibbiltà li jressqu ilment u jekk ma jagħmilx disponibbli lill-klijenti mudell għat-tressiq tal-ilmenti u kwalunkwe miżura meħuda b'rispons għal dawk l-ilmenti.
27. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 71(4) jekk ma jinvestigax l-ilmenti kollha fil-ħin u b'mod ġust jew jekk ma jikkomunikax l-eżitu ta' tali investigazzjoni lill-klijenti f'perjodu raġonevoli.
28. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 72(1) jekk ma jimplementax u ma jżommx politiki u proċeduri effettivi biex jidentifika, jipprevjeni, jimmaniġġja u jiżvela kunflitti ta' interess bejn il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi nnifsu u l-azzjonisti jew il-membri tiegħu, huwa stess u kwalunkwe persuna direttament jew indirettament marbuta mal-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jew l-azzjonisti jew il-membri tiegħu b'kontroll, huwa stess u l-membri tal-korp tal-manigiers tiegħu, huwa stess u l-impjegati tiegħu, huwa stess u l-klijenti tiegħu, jew żewġ klijenti jew aktar li l-interessi reċiproċi tagħhom ikunu f'kunflitt.
29. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 72(2) jekk ma jiżvelax, f'post prominenti fuq is-sit web tiegħu, lill-klijenti u lill-klijenti prospettivi n-natura ġenerali u s-sorsi ta' kunflitti ta' interess u l-passi meħuda biex jimmitigawhom.
30. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 72(3) jekk ma jagħmilx l-iżvelar imsemmi fl-Artikolu 72(2) b'mod elettroniku, u jekk ma jkunx preċiż biżżejjed biex jippermetti lil kull klijent jieħu deċiżjoni infurmata dwar ix-xiri dwar tali token.
31. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 72(4) jekk ma jivvalutax u, tal-anqas darba fis-sena, ma jirrieżaminax il-politika tiegħu dwar il-kunflitti ta' interess u mhux qed jieħu l-miżuri kollha xierqa biex jindirizza kwalunkwe nuqqas f'dak ir-rigward.
32. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 73(1) jekk ma jiħux il-passi raġonevoli kollha biex jevita riskji operattivi addizzjonali li jirriżultaw minn esternalizzazzjoni ta' servizzi jew attivitajiet lil partijiet terzi.

33. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 73(2) jekk ma jkollux politika dwar l-esternalizzazzjoni, inkluż dwar pjanijiet ta' kontinġenza u strateġiji ta' ħruġ.
34. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 73(3) jekk ma jiddefinix fi ftehim bil-miktub id-drittijiet u l-obbligi tiegħu u dawk tal-partijiet terzi li għalihom huwa qed jesternalizza servizzi jew attivitajiet u jekk ma jipprovdi id-dritt li jtemm dan il-ftehim.
35. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 74 jekk ma jkollux stabbilit pjan li jkun xieraq biex jappoġġa stralċ ordnat tal-attivitajiet tiegħu skont il-liġi nazzjonali applikabbli, inkluża l-kontinwità jew l-irkupru ta' kwalunkwe attività kritika.
36. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jipprovdi kustodja u amministrazzjoni tal-kriptoassi f'isem il-klijenti jikser l-Artikolu 75(1) jekk ma jkollux stabbilit ftehim mal-klijenti tiegħu biex jispeċifika d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tiegħu meta jipprovdi l-kustodja u l-amministrazzjoni tal-kriptoassi u jinkludi f'dan il-ftehim mill-anqas l-elementi previsti fl-Artikolu 75(1), il-punti (a) sa (g).
37. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jforni l-kustodja u l-amministrazzjoni tal-kriptoassi f'isem il-klijenti jikser l-Artikolu 75(2) jekk ma jżommx reġistru tal-pożizzjonijiet, miftuħ f'isem kull klijent u, meta rilevanti, jirreġistra mill-aktar fis possibbli f'dak ir-reġistru kwalunkwe moviment skont struzzjonijiet mill-klijenti tiegħu, muri minn tranżazzjoni rreġistrata regolament fir-reġistru tal-pożizzjonijiet tal-klijent.
38. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jipprovdi kustodja u amministrazzjoni tal-kriptoassi f'isem il-klijenti jikser l-Artikolu 75(3) jekk ma jistabbilix politika ta' kustodja b'regoli u proċeduri interni biex jiżgura s-salvagwardja jew il-kontroll tal-kriptoassi taħt il-kustodja tiegħu, jew il-mezzi ta' aċċess għall-kriptoassi u jagħmilha disponibbli għall-klijenti fuq talba tagħhom f'format elettroniku.
39. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jipprovdi kustodja u amministrazzjoni tal-kriptoassi f'isem il-klijenti jikser l-Artikolu 75(5) jekk ma jipprovdi tal-anqas kull 3 xhur u fuq talba tal-klijent dikjarazzjoni tal-pożizzjoni tal-kriptoassi rreġistrata f'isem dak il-klijent, li tidentifika l-kriptoassi kkonċernati, il-bilanċ tagħhom, il-valur tagħhom u t-trasferiment tal-kriptoassi magħmul matul il-perjodu kkonċernat.
40. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jipprovdi kustodja u amministrazzjoni ta' kriptoassi f'isem il-klijenti jikser l-Artikolu 75(6) jekk ma jiżgurax li l-proċeduri neċessarji jkunu stabbiliti biex, mill-aktar fis possibbli, il-kriptoassi miżmuma f'isem il-klijenti tiegħu, jew il-mezzi ta' aċċess, jiġu rritornati lil dawk il-klijenti.
41. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jipprovdi kustodja u amministrazzjoni tal-kriptoassi f'isem il-klijenti jikser l-Artikolu 75(7), l-ewwel subparagrafu, jekk ma jissegregax il-parteċipazzjonijiet ta' kriptoassi f'isem il-klijenti tiegħu mill-parteċipazzjonijiet tiegħu stess u ma huwiex qed jiżgura li l-mezzi ta' aċċess għall-kriptoassi tal-klijenti tiegħu jiġu identifikati b'mod ċar bħala tali u li, fir-reġistru distribwit, il-kriptoassi tal-klijenti tiegħu jinżammu separatament mill-kriptoassi tiegħu.
42. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jipprovdi kustodja u amministrazzjoni ta' kriptoassi f'isem il-klijenti jikser l-Artikolu 75(7), it-tieni subparagrafu, jekk ma jżommx il-kriptoassi miżmuma f'kustodja legalment segregati mill-patrimonju tal-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi fl-interess tal-klijenti tal-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi u li l-kriptoassi miżmuma f'kustodja jkunu segregati operazzjonalment mill-patrimonju tal-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi.

43. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jipprovdi kustodja u amministrazzjoni ta' kriptoassi f'isem il-klijenti jikser l-Artikolu 75(9) jekk ma jagħmilx użu minn fornituri oħra ta' servizzi tal-kriptoassi li huma awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 59 meta jagħmel użu minn fornituri oħra ta' servizzi tal-kriptoassi għall-forniment ta' kustodja u amministrazzjoni ta' kriptoassi jew ma jinfurmax lill-klijenti tiegħu dwar dan.
44. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jopera pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi jikser l-Artikolu 76(1) jekk ma jistabbilix, ma jżommx u ma jimplimentax regoli operazzjonali ċari u trasparenti għall-pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi li jopera, u jekk ma jistabbilix fir-regoli operazzjonali tal-anqas l-elementi msemmija fil-paragrafi (a) sa (h) ta' dak l-Artikolu.
45. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jopera pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi jikser l-Artikolu 76(2) jekk ma jiżgurax li qabel ma kriptoassi jiġi ammess għan-negozjar, il-kriptoassi jikkonforma mar-regoli operazzjonali tal-pjattaforma ta' negozjar u jkun iġvaluta l-adegwatezza tal-kriptoassi kkonċernat.
46. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jopera pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi jikser l-Artikolu 76(4) jekk ma jfassalx ir-regoli operattivi tal-pjattaforma ta' negozjar f'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru domiċiljari jew f'lingwa abitwali fl-isfera tal-finanzi internazzjonali.
47. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jopera pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi jikser l-Artikolu 76(5) jekk jinneozja f'ismu stess fuq il-pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi li jopera.
48. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jopera pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi jikser l-Artikolu 76(6) jekk jinvolvi ruħu f'negozjar matched principal mingħajr il-kunsens tal-klijent tiegħu.
49. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jopera pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi jikser l-Artikolu 76(7) jekk ma jkollux stabbiliti sistemi, proċeduri u arranġamenti effettivi biex jiżgura li s-sistema ta' negozjar tiegħu tikkonforma mal-Artikolu 76(7), il-punti (a) sa (h).
50. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jopera pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi jikser l-Artikolu 76(8) jekk ma jinfurmax lill-AETS meta jidentifika każijiet ta' abbuż tas-suq jew ta' tentattiv ta' abbuż tas-suq li jseħħ fis-sistema ta' negozjar tiegħu jew permezz tagħha.
51. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jopera pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi jikser l-Artikolu 76(9) jekk ma jagħmilx pubbliku fuq bażi kontinwa matul is-sigħat ta' negozjar kwalunkwe prezz tal-offerta u tat-talba u l-profondità tal-interessi ta' negozjar irrekklamati għall-kriptoassi permezz tal-pjattaforma ta' negozjar tiegħu.
52. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jopera pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi jikser l-Artikolu 76(10) jekk ma jagħmilx pubbliku kemm jista' jkun qrib il-ħin reali sa fejn huwa teknikament possibbli l-prezz, il-volum u l-ħin tat-tranżazzjonijiet eżegwiti fir-rigward tal-kriptoassi nneozjati fuq il-pjattaformi ta' negozjar tiegħu.
53. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jopera pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi jikser l-Artikolu 76(11) jekk ma jagħmilx disponibbli mingħajr ħlas 15-il minuta wara l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 76(9) u (10).

54. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jopera pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi jikser l-Artikolu 76(12) jekk ma jagħtix bidu għas-saldu finali ta' tranżazzjoni tal-kriptoassi fuq ir-reġistru distribwit fi żmien 24 siegħa minn meta tkun ġiet eżegwita t-tranżazzjoni fuq il-pjattaforma ta' negozjar jew, fil-każ ta' tranżazzjonijiet issaldati barra r-reġistru distribwit, sa mhux aktar tard mill-għeluq tal-ġurnata.
55. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jopera pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi jikser l-Artikolu 76(13) jekk ma jiżgurax li l-istrutturi tat-tariffi tiegħu jkunu trasparenti, ġusti u mhux diskriminatorji u li ma joffroqx inċentivi biex isiru, jiġu mmodifikati jew ikkanċellati ordnijiet jew jiġu eżegwiti tranżazzjonijiet b'mod li jikkontribwixxi għal kundizzjonijiet diżordinati ta' negozjar jew abbuż tas-suq kif imsemmi fit-Titolu VI.
56. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jopera pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi jikser l-Artikolu 76(14) jekk ma jżommx ir-riżorsi u ma jkollux faċilitajiet ta' riżerva stabbiliti.
57. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jiskambja kriptoassi ma' fondi jew ma' kriptoassi oħra jikser l-Artikolu 77(1) jekk ma jistabbilix politika kummerċjali mhux diskriminatorja li tindika, b'mod partikolari, it-tip ta' klijenti li jaqbel li jagħmel tranżazzjonijiet magħhom u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati minn tali klijenti.
58. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jiskambja kriptoassi ma' fondi jew ma' kriptoassi oħra jikser l-Artikolu 77(2) jekk ma jipubblikax prezz kostanti tal-kriptoassi jew metodu għad-determinazzjoni tal-prezz tal-kriptoassi li jipproponi għall-iskambju ma' fondi jew ma' kriptoassi oħra, u kwalunkwe limitu applikabbli ddeterminat minnu fuq l-ammont li se jiġi skambjat.
59. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jiskambja l-kriptoassi ma' fondi jew kriptoassi oħra jikser l-Artikolu 77(3) jekk ma jeżegwix ordnijiet tal-klijenti bil-prezzijiet murija fiż-żmien meta l-ordni għall-iskambju tkun finali u jekk ma jinfurmax lill-klijenti tiegħu bil-kundizzjonijiet biex l-ordni tagħhom titqies finali.
60. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jiskambja l-kriptoassi ma' fondi jew kriptoassi oħra jikser l-Artikolu 77(4) jekk ma jipubblikax informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet li jikkonkludi.
61. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jeżegwixxi ordnijiet għall-kriptoassi f'isem il-klijenti jikser l-Artikolu 78(1) jekk ma jiħux il-passi kollha neċessarji biex jikseb, filwaqt li jeżegwixxi l-ordnijiet, l-aħjar riżultat possibbli għall-klijenti tiegħu.
62. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jeżegwixxi ordnijiet għall-kriptoassi f'isem il-klijenti jikser l-Artikolu 78(2) jekk ma jistabbilix u ma jimplementax arranġamenti ta' eżekuzzjoni effettivi biex jippermettilu jikkonforma mal-Artikolu 78(1) u ma jipprevedix l-eżekuzzjoni fil-pront, ġusta u rapida tal-ordnijiet tal-klijenti u ma jipprevjenix l-użu ħażin mill-impjegati tiegħu ta' kwalunkwe informazzjoni relatata mal-ordnijiet tal-klijenti.
63. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jeżegwixxi ordnijiet għall-kriptoassi f'isem il-klijenti jikser l-Artikolu 78(3) jekk ma jipprovdi informazzjoni xierqa u ċara lill-klijenti tiegħu dwar il-politika ta' eżekuzzjoni tal-ordnijiet tiegħu msemmija fl-Artikolu 78(2) u ma jispjegax b'mod ċar, f'dettall biżżejjed u b'mod li jista' jinftehem faċilment mill-klijenti, kif l-ordnijiet tal-klijenti tiegħu għandhom jiġu eżegwiti u jekk ma jiksibx formola ta' kunsens minn qabel għal kull klijent rigward il-politika ta' eżekuzzjoni tal-ordnijiet.

64. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jeżegwixxi ordnijiet għall-kriptoassi f'isem il-klijenti jikser l-Artikolu 78(4) jekk ma jkunx jista' juri lill-klijenti tiegħu, fuq talba ta' tagħhom, li l-ordnijiet tagħhom ġew eżegwiti minnu f'konformità mal-politika ta' eżekuzzjoni tal-ordnijiet tiegħu u jekk ma jkunx jista' juri lill-AETS, fuq talba ta' din tal-aħħar, il-konformità tiegħu mal-Artikolu 78.
65. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jeżegwixxi ordnijiet għall-kriptoassi f'isem il-klijenti jikser l-Artikolu 78(5) jekk ma jinfurmax lill-klijenti tiegħu dwar il-possibbiltà li l-ordnijiet tal-klijenti għandhom imnejn jiġu eżegwiti barra minn pjattaforma ta' negozjar, fejn il-politika ta' eżekuzzjoni tipprevedi din il-possibbiltà, u ma jiksibx il-kunsens espress minn qabel tal-klijenti tiegħu qabel ma jipproċedi għall-eżekuzzjoni tal-ordnijiet tagħhom barra minn pjattaforma ta' negozjar.
66. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jeżegwixxi ordnijiet għall-kriptoassi f'isem il-klijenti jikser l-Artikolu 78(6) jekk ma jimmonitorjax l-effettività tal-arranġamenti ta' eżekuzzjoni tal-ordnijiet tiegħu u l-politika ta' eżekuzzjoni tal-ordnijiet fuq bażi regolari u ma jinnotifikax lill-klijenti tiegħu li magħhom għandu relazzjoni ta' klijentela kontinwa dwar kwalunkwe bidla materjali fl-arranġamenti ta' eżekuzzjoni tal-ordnijiet jew il-politika ta' eżekuzzjoni tal-ordnijiet tiegħu.
67. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jqiegħed il-kriptoassi jikser l-Artikolu 79(1) jekk ma jikkomunikax lill-offerent, lill-persuna li tftitex l-ammissjoni għan-negozjar jew lil kwalunkwe parti terza li taġixxi f'isimhom, qabel ma tidħol fi ftehim miegħu t-tip ta' tqegħid taħt kunsiderazzjoni, indikazzjoni tal-ammont ta' tariffi tat-tranżazzjonijiet assoċjati mal-pjazzament propost, meta x'aktarx li sseħħ l-operazzjoni proposta, kif ukoll il-proċess u l-prezz probabbli għaliha u l-informazzjoni dwar ix-xerrejja fil-mira.
68. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jqiegħed il-kriptoassi jikser l-Artikolu 79(1) jekk ma jiksibx il-qbil tal-emittenti ta' dawk il-kriptoassi jew ta' kwalunkwe parti terza li taġixxi f'isimhom fir-rigward tal-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 79(1), l-ewwel subparagrafu.
69. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 79(2) jekk ma jinkludix fir-regoli tiegħu dwar il-kunflitti ta' interess proċeduri speċifiċi u adegwati stabbiliti biex jidentifika, jipprevjeni, jimmaniġġja u jiżvela kwalunkwe kunflitt ta' interess li jirriżulta mit-tqegħid tal-kriptoassi mal-klijenti tiegħu stess, mill-prezz propost għat-tqegħid tal-kriptoassi jkun ġie stmat iżżejjed jew sottovalutat, jew jitħallsu jew jingħataw inċentivi, inklużi inċentivi mhux monetarji jew mogħtija mill-offerent.
70. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jirċievi u jittrażmetti ordnijiet għal kriptoassi f'isem il-klijenti jikser l-Artikolu 80(1) jekk ma jistabbilix u ma jimplimentax proċeduri u arranġamenti li jipprevedu t-trażmissjoni fil-pront u xierqa tal-ordnijiet tal-klijenti għall-eżekuzzjoni fuq pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi jew lil fornitur ieħor ta' servizzi tal-kriptoassi.
71. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jirċievi u jittrażmetti ordnijiet għal kriptoassi f'isem il-klijenti jikser l-Artikolu 80(2) jekk jirċievi rimunerazzjoni, skont jew benefiċċju mhux monetarju talli jgħaddi l-ordnijiet riċevuti mingħand il-klijenti lil pjattaforma partikolari ta' negozjar għall-kriptoassi jew lil fornitur ieħor ta' servizzi tal-kriptoassi.
72. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jipprovdi pariri dwar il-kriptoassi jew li jipprovdi ġestjoni tal-portafoll tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 81(1) jekk ma

jivvalutax jekk is-servizzi tal-kriptoassi jew il-kriptoassi humiex xierqa għall-klijenti tiegħu jew għall-klijenti prospettivi.

73. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jforni pariri dwar il-kriptoassi jikser l-Artikolu 81(2) jekk ma jinfurmax lill-klijenti prospettivi fi żmien xieraq qabel ma jforni pariri dwar il-kriptoassi jekk il-parir huwiex ipprovdut fuq bażi indipendenti jew ibbażat fuq analiżi wiesgħa jew aktar ristretta ta' kriptoassi differenti, inkluż jekk il-parir huwiex limitat għall-kriptoassi maħruġa jew offruti minn entitajiet li għandhom rabtiet mill-qrib mal-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jew kwalunkwe relazzjoni legali jew ekonomika oħra, bħal relazzjonijiet kuntrattwali, li tirriskja li xxekkel l-indipendenza tal-parir ipprovdut.
74. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jipprovdi ġestjoni ta' portafolli tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 81(3) jekk jaċċetta u jżomm tariffi, kummissjonijiet jew kwalunkwe benefiċċju monetarju jew mhux monetarju mħallas jew ipprovdut minn emittent, offerent, persuna li tkun qed tfittex l-ammissjoni għan-negozjar, jew minn kwalunkwe parti terza, jew persuna li taġixxi f'isem parti terza, b'rabta mal-forniment ta' mmaniġġjar ta' portafolli tal-kriptoassi lill-klijenti tiegħu.
75. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jipprovdi pariri dwar il-kriptoassi jikser l-Artikolu 81(4) jekk ma jipprovdix lill-klijenti prospettivi informazzjoni dwar il-kostijiet u l-imposti relatati kollha, inkluż il-kost tal-konsulenza.
76. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jipprovdi pariri dwar il-kriptoassi jikser l-Artikolu 81(9) jekk ma jwissix lill-klijenti jew lill-klijenti prospettivi dwar id-diversi elementi msemmija fl-Artikolu 81(9), il-punti (a) sa (e).
77. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jipprovdi pariri dwar il-kriptoassi jikser l-Artikolu 81(10) jekk ma jistabbilix, ma jżomm fis-seħħ u ma jimplimentax politiki u proċeduri biex ikun jista' jiġbor u jivvaluta l-informazzjoni kollha neċessarja biex iwettaq il-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 81(1) għal kull klijent.
78. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jipprovdi servizzi ta' trasferiment għall-kriptoassi f'isem il-klijenti jikser l-Artikolu 82(1) jekk ma jikkonkludix ftehim mal-klijenti tiegħu biex jispeċifika d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tiegħu u ma jinkludix mill-anqas l-elementi msemmija fl-Artikolu 82(1), il-punti (a) sa (e).
79. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 88(1) ħliet jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 88(2), jekk ma jinfurmax lill-pubbliku mill-aktar fis possibbli b'informazzjoni privileġġjata kif imsemmija fl-Artikolu 87, li tikkonċerna direttament emittent li huwa joffri l-kriptoassi tiegħu b'mod li jippermetti aċċess rapidu kif ukoll valutazzjoni kompluta, korretta u fil-ħin tal-informazzjoni mill-pubbliku.
80. Persuna fiżika jew ġuridika tikser l-Artikolu 89(2) jekk tinvolvi ruħha jew tipprova tinvolvi ruħha f'abbuż minn informazzjoni privileġġjata jew tuża informazzjoni privileġġjata dwar il-kriptoassi biex takkwista dawk il-kriptoassi, jew tiddisponi minnhom, direttament jew indirettament, kemm jekk għan-nom proprju kif ukoll għan-nom ta' parti terza.
81. Persuna fiżika jew ġuridika tikser l-Artikolu 89(2) jekk tirrakkomanda li persuna oħra tinvolvi ruħha f'abbuż minn informazzjoni privileġġjata jew qed tinduċi lil persuna oħra biex tinvolvi ruħha f'abbuż minn informazzjoni privileġġjata.”

82. Persuna fiżika jew ġuridika fil-pussess ta' informazzjoni privileġġjata dwar il-kriptoassi tikser l-Artikolu 89(3) jekk tirrakkomanda jew tinduċi lil persuna oħra biex takkwista jew tiddisponi minn kriptoassi, jew li tħassar jew temenda ordni dwar kriptoassi.
83. Persuna fiżika jew ġuridika tikser l-Artikolu 90(1) jekk tiżvela illegalment informazzjoni privileġġjata lil kwalunkwe persuna oħra, ħlief meta tali żvelar isir fl-eżerċizzju normali ta' impjeg, ta' professjoni jew tad-dmirijiet.
84. Persuna fiżika jew ġuridika tikser l-Artikolu 91(1) jekk tinvolvi ruħha jew tipprova tinvolvi ruħha f'manipulazzjoni tas-suq kif deskritt fl-Artikolu 91(2) u 91(3).
85. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 92(1) jekk ma jkollux stabbiliti sistemi u proċeduri effettivi biex jipprevjeni u jidentifika abbuż tas-suq.
86. Il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jikser l-Artikolu 92(1) jekk ma jirrapporta lill-ESMA l-ebda suspett raġonevoli rigward ordni jew tranżazzjoni, inkluż kwalunkwe kanċellazzjoni jew modifika tagħha, u aspetti oħra tal-funzjonament tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit bħala l-mekkaniżmu ta' kunsens, fejn għandu mnejn ikun hemm ċirkostanzi li jindikaw li jkun twettaq abbuż tas-suq, qed jitwettaq jew x'aktarx se jitwettaq.”.

ANNEX VI

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“LISTA TA’ SERVIZZI U TA’ KSUR”;

(b) jiżdiedu t-Taqsimiet D u E li ġejjin:

“TAQSIMA D

Lista ta’ ksur imsemmi fl-Artikolu 11b

I. Ksur relatat mad-dixxiplina fir-rigward tas-saldu

(a) depożitorju ċentrali tat-titoli (CSD, Central Securities Depository) sinifikanti jikser l-Artikolu 6(3) jekk ma jistabbilix proċeduri li jiffaċilitaw is-saldu ta’ tranżazzjonijiet fid-data prevista tas-saldu;

(b) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 6(4) jekk ma jistabbilix miżuri biex jinkoraġġixxi u jinċentiva s-saldu f’waqtu ta’ tranżazzjonijiet mill-parteciċipanti tiegħu;

(c) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 7(1) jekk ma jistabbilix sistema li timmonitorja nuqqas ta’ saldu ta’ tranżazzjonijiet;

(d) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 7(1) jekk ma jipprovdi rapporti regolari dwar l-għadd u d-dettalji tan-nuqqasijiet ta’ saldu u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra, inklużi l-miżuri previsti mis-CSD u l-parteciċipanti tiegħu biex tittejjeb l-effiċjenza tas-saldu;

(e) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 7(2) jekk ma jistabbilix proċeduri li jiffaċilitaw is-saldu ta’ tranżazzjonijiet fi strumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 5(1) li ma jiġux issaldati fid-data tas-saldu maħsuba;

(f) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 7(2) jekk ma jistabbilix mekkaniżmu ta’ penali li jservi bħala deterrent effettiv għall-parteciċipanti li jikkawżaw nuqqas ta’ saldu;

II. Ksur relatat mar-rekwiżiti biex tinkiseb awtorizzazzjoni jew validazzjoni

(a) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 16 jekk jibda l-attivitajiet tiegħu mingħajr ma jikseb awtorizzazzjoni minn qabel f’konformità ma’ tali Artikolu;

(b) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 16 jekk ma jikkonformax f’kull ħin mal-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni;

(c) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 17 jekk ma jikkonformax mal-proċedura stabbilita fih għall-applikazzjonijiet rilevanti għall-awtorizzazzjoni;

(d) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 19 jekk jestendi n-negozju tiegħu għal servizzi jew attivitajiet addizzjonali, jekk jesternalizza servizz ewlieni jew jekk jistabbilixxi konnessjoni interoperabbli mingħajr ma jikseb awtorizzazzjoni minn qabel f’konformità ma’ tali Artikolu;

(e) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 19a jekk jesternalizza servizz ewlieni lil CSD ieħor fil-grupp tiegħu mingħajr ma jikseb awtorizzazzjoni minn qabel f’konformità ma’ tali Artikolu;

(f) CSD sinifikanti jikseb l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa skont l-Artikoli 16 u 54 jekk jagħmel dikjarazzjonijiet foloz jew b’mezzi illegali oħra kif previst fl-Artikolu 20(1), il-punt (b), u fl-Artikolu 57(1), il-punt (b).

III Ksur relatat mar-rekwiżiti ta’ rapportar

(a) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 22 jekk ma jipprovdi l-informazzjoni kollha neċessarja għall-finijiet tar-rieżami u l-evalwazzjoni, inkluża informazzjoni perijodika, permezz tal-bażi tad-data ċentrali, kif speċifikat f' tali Artikolu;

(b) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 22a jekk ma jħejjix u ma jissottomettix lill-ESMA pjanijiet xierqa għall-irkupru tiegħu u għall-istralċ ordnat f' konformità ma' tali Artikolu;

IV. Ksur relatat mar-reqwiziti organizzattivi, il-kunflitti ta' interess jew ir-regoli tal-kondotta tan-negożju

(a) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 26(1) jekk ma jistabbilix arranġamenti ta' governanza robusti, li jinkludu struttura organizzattiva ċara b'linji ta' responsabilità ddefiniti sew, trasparenti u konsistenti, proċessi effettivi sabiex jidentifika, jamministra, jimmonitorja u jirrapporta r-riskji li huwa, jew li jista' jkun, espost għalihom, u politiki ta' rimunerazzjoni u mekkaniżmi tal-kontroll interni adegwati, inklużi proċeduri amministrattivi u kontabilistiċi sodi;

(b) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 26(2) jekk jipprovdi servizzi anċillari tat-tip bankarju lil CSDs oħra skont l-Artikolu 54a, mingħajr ma jkollu fis-seħħ regoli u proċeduri ċari li jindirizzaw kunflitti ta' interess potenzjali u jimmitigaw ir-riskju ta' trattament diskriminatorju fil-konfront ta' dawk is-CSDs l-oħra u tal-parteċipanti tagħhom;

(c) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 26(3) jekk ma jżommx u ma jħaddimx arranġamenti organizzattivi u amministrattivi effettivi bil-miktub sabiex jidentifika u jimmaniġġja kwalunkwe kunflitt ta' interess potenzjali bejn il-parteċipanti tiegħu jew il-klijenti tagħhom u s-CSD innifsu u jekk ma jżommx u ma jimplementax proċeduri ta' rizzoluzzjoni adegwati meta jseħħu kunflitti ta' interess possibbli;

(d) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 26(4) jekk ma jagħmilx l-arranġamenti ta' governanza tiegħu u r-regoli li jirregolaw l-attività tiegħu disponibbli għall-pubbliku;

(e) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 26(5) jekk ma jkollux proċeduri xierqa biex l-impjegati tiegħu jirrapportaw internament ksur potenzjali ta' dan ir-Regolament permezz ta' kanal speċifiku;

(f) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 26(6) jekk ma jkunx soġġett għal awditi regolari u indipendenti jew jekk ma jikkomunikax ir-riżultati ta' dawn l-awditi lill-korp maniġerjali jew jekk ma jagħmilhomx għad-dispożizzjoni tal-ESMA u, fejn adatt b'kont meħud tal-kunflitti ta' interess potenzjali bejn il-membri tal-kumitat tal-utenti u tali CSD, lill-kumitat tal-utenti;

(g) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 27(1) jekk ma jiżgurax li l-maniġment superjuri tiegħu jkollu reputazzjoni u esperjenza tajba biżżejjed biex jiżgura l-ġestjoni soda u prudenti ta' tali CSD;

(h) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 27(2) jekk ma jiżgurax li tal-anqas terz, iżda mhux anqas minn tnejn, tal-membri tal-korp maniġerjali tiegħu jkunu indipendenti;

(i) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 27(3) jekk jorbot ir-rimunerazzjoni tal-membri indipendenti u ta' membri mhux eżekuttivi oħra tal-korp maniġerjali mal-prestazzjoni tan-negożju ta' tali CSD;

(j) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 27(4) jekk ma jiżgurax li l-korp maniġerjali tiegħu jkun magħmul minn membri adatti ta' reputazzjoni tajba biżżejjed b'taħlita adatta ta' ħliet, esperjenza u għarfien tal-entità u tas-suq, jew jekk ma jiżgurax li l-membri mhux eżekuttivi tal-korp maniġerjali jiddeċiedu dwar mira għar-rappreżentanza tal-ġeneru mhux rappreżentat biżżejjed fil-korp maniġerjali u ma jħejjix politika dwar kif għandu jiżdied l-għadd tal-ġeneru

mhux rappreżentat biżżejjed sabiex tintlaħaq dik il-mira, jew jekk ma jiżgurax li l-mira, il-politika u l-implimentazzjoni tagħha jiġu ppubblikati;

(k) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 27(5) jekk ma jiddeterminax b'mod ċar ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-korp maniġerjali f'konformità mal-liġi nazzjonali rilevanti jew jekk ma jagħmilx il-minuti tal-laqgħat tal-korp maniġerjali disponibbli għall-ESMA u għall-awditur fuq talba;

(l) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 27(11) jekk ma jipprovdux lill-ESMA informazzjoni dwar is-sjieda ta' tali CSD, u l-identità u l-iskala tal-interessi ta' kwalunkwe persuna li jkollha parteċipazzjoni kwalifikanti fis-CSD, jew jekk ma jippubblikax tali informazzjoni jew it-trasferiment ta' drittijiet ta' sjieda li jirriżultaw f'bidla fil-kontroll ta' tali CSD;

(m) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 27a(1) jekk ma jinnotifikax lill-ESMA dwar kwalunkwe bidla fil-maniġment tiegħu u jekk ma jipprovdux lill-ESMA l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tivvaluta l-konformità tiegħu mal-Artikolu 27(1) sa (5);

(n) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 28(1) jekk ma jistabbilix kumitati tal-utenti għal kull sistema ta' saldu tat-titoli li jopera, jekk ma jiżgurax li tali kumitat tal-utenti jkun magħmul minn rappreżentanti tal-emittenti u tal-parteċipanti f'tali sistemi ta' saldu tat-titoli, jew jekk ma jiżgurax li l-parir ta' tali kumitat tal-utenti jkun indipendenti minn kwalunkwe influwenza diretta mill-maniġment ta' tali CSD;

(o) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 28(2) jekk ma jiddefinix b'mod mhux diskriminatorju l-mandat għal kull kumitat tal-utenti stabbilit, l-arranġamenti ta' governanza meħtieġa biex tiġi żgurata l-indipendenza u l-proċeduri operazzjonali tiegħu, kif ukoll il-kriterji ta' ammissjoni u l-mekkaniżmu elettoral għall-membri tal-kumitat tal-utenti, jew jekk ma jagħmilx l-arranġamenti ta' governanza disponibbli għall-pubbliku, jew jekk ma jiżgurax li l-kumitat tal-utenti jirrapporta direttament lill-korp maniġerjali u jiltaqa' regolarment;

(p) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 28(3) u (4) jekk ma jippermettix lill-kumitati tal-utenti jagħtu pariri lill-korp maniġerjali dwar arranġamenti ewlenin li jħallu impatt fuq il-membri tagħhom, inklużi l-kriterji għall-aċċettazzjoni ta' emittenti jew parteċipanti fis-sistemi ta' saldu tat-titoli rispettivi tagħhom u fuq il-livell tas-servizz, jew jekk ma jippermettix lill-kumitati tal-utenti jippreżentaw opinjoni mhux vinkolanti lill-korp maniġerjali li jkun fiha raġunijiet dettaljati rigward l-istrutturi tal-ipprezzar ta' tali CSD;

(q) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 28(6) jekk ma jinfirmax minnufih lill-ESMA u lill-kumitat tal-utenti bi kwalunkwe deċiżjoni li fiha l-korp maniġerjali jiddeċiedi li ma jsewix il-parir tal-kumitat tal-utenti;

(r) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 29(1) jekk ma jżommx, għal perjodu ta' mill-anqas 10 snin, ir-rekords kollha tiegħu dwar is-servizzi u l-attivitajiet, inkluż dwar is-servizzi anċillari msemmija fit-Taqsimiet B u C tal-Anness, biex jippermetti lill-ESMA timmonitorja l-konformità mar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament;

(s) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 29(1a) jekk ma jirrikjedix li l-emittenti jiksbu u jibgħat lil tali CSD identifikatur ta' entità ġuridika (LEI, Legal Entity Identifier) validu;

(t) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 29(2) jekk ma jagħmilx ir-rekords imsemmija fil-Artikolu 29(1) disponibbli fuq talba għall-ESMA u l-awtoritajiet rilevanti u għal kwalunkwe awtorità pubblika oħra li skont il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru ta' domiċilju ta' CSD għandha s-setgħa li tirrikjedi aċċess għal tali rekords għall-fini tat-tweqqif tal-mandat tagħha;

- (u) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 30(2) jekk ma jiddefinix fi ftehim ta' esternalizzazzjoni bil-miktub id-drittijiet u l-obbligi tiegħu u dawk tal-fornitur tas-servizz u jekk ma jiżgurax li l-ftehim ta' esternalizzazzjoni jippermetti lil tali CSD jtemm il-ftehim;
- (v) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 30(3) jekk ma jagħmilx disponibbli fuq talba għall-ESMA u għall-awtoritajiet rilevanti kollha l-informazzjoni kollha neċessarja biex jippermettilhom jivvalutaw il-konformità tal-attivitajiet esternalizzati mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament;
- (w) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 30(4) jekk ma jinnotifikax l-esternalizzazzjoni tas-servizzi msemmija fit-Taqsima B tal-Anness tal-ESMA qabel ma jimplementa tali esternalizzazzjoni u jekk ma jipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha li tippermetti lill-ESMA tivvaluta l-konformità mar-rekwiżiti pprovduti f'tali Artikolu;
- (x) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 32 jekk ma jkollux għanijiet u objettivi ddefiniti b'mod ċar li jistgħu jintlaħqu, bħal fl-oqsma tal-livelli minimi ta' servizz, l-aspettattivi tal-ġestjoni tar-riskji u l-prijoritajiet tan-negozju u jekk ma jkollux regoli trasparenti għall-ġestjoni tal-ilmenti;
- (y) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 33(1) jekk ma jkollux kriterji divulgati pubblikament għall-parteċipazzjoni li jippermettu aċċess ġust u miftuħ għall-persuni ġuridiċi kollha li jkollhom il-ħsieb li jsiru parteċipanti u jekk ma jiżgurax li tali kriterji jkunu trasparenti, oġġettivi u mhux diskriminatorji sabiex jiġi żgurat aċċess ġust u miftuħ għas-CSD bl-attenzjoni dovuta għar-riskji għall-istabbiltà finanzjarja u r-regolarità tas-swieq, u jekk ma jiżgurax li l-kriterji li jillimitaw l-aċċess ikunu permissi biss sal-punt li l-objettiv tagħhom ikun li jikkontrollaw b'mod ġustifikat riskju speċifikat għal tali CSD;
- (z) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 33(2) jekk ma jittrattax it-talbiet għal aċċess minnufih billi jipprovdi risposta għal tali talbiet sa mhux aktar tard minn xahar u għandu jagħmel il-proċeduri dwar it-trattament tat-talbiet għall-aċċess disponibbli għall-pubbliku;
- (aa) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 33(3) jekk jiċħad l-aċċess għal parteċipant li jissodisfa l-kriterji msemmija fl-Artikolu 33(1) mingħajr ma jiġġustifika kif xieraq bil-miktub u mingħajr ma jibbaża tali rifjut fuq valutazzjoni tar-riskju komprensiva;
- (bb) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 33(4) jekk ma jkollux proċeduri oġġettivi u trasparenti għas-sospensjoni u l-ħruġ ordnat ta' parteċipanti li ma jibqgħux jissodisfaw il-kriterji għall-parteċipazzjoni msemmija fl-Artikolu 33(1);
- (cc) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 34(1) jekk ma jiżvelax pubblikament il-prezzijiet u t-tariffi assoċjati mas-servizzi ewlenin elenkati fit-Taqsima A tal-Anness li jipprovdi, għal kull sistema ta' saldu tat-titoli li jopera, kif ukoll għal kull wieħed mis-servizzi ewlenin l-oħra li jwettaq, jew jekk ma jiddivulgax il-prezzijiet u t-tariffi ta' kull servizz u funzjoni pprovduti separatament, inklużi l-iskontijiet u r-roħs u l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dak it-tnaqqis, jew jekk ma jagħtix lill-klijenti tiegħu aċċess separat għas-servizzi speċifiċi pprovduti;
- (dd) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 34(2) jekk ma jipubblikax lista tal-prezzijiet sabiex jiffaċilita t-tqabbil tal-offerti u jekk ma jħallix lill-klijenti jantiċipaw il-prezz li għandhom iħallsu biex jużaw is-servizzi;
- (ee) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 34(3) jekk ma jkunx marbut bil-politika tal-ipprezzar ippubblikata tiegħu għas-servizzi ewlenin tiegħu;
- (ff) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 34(4) jekk ma jipprovdi lill-klijenti tiegħu informazzjoni li tippermetti r-rikonċiljazzjoni tal-fatturi mal-listi tal-prezzijiet ippubblikati;

(gg) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 34(5) jekk ma jiddivulgax lill-klijenti kollha l-informazzjoni li tippermettilhom jivvalutaw ir-riskji assoċjati mas-servizzi pprovduti;

(hh) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 34(6) jekk ma jżommx kont separat għall-kostijiet u d-dħul tas-servizzi ewlenin ipprovduti u jekk ma jiżvelax dik l-informazzjoni lill-ESMA;

(ii) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 34(7) jekk ma jagħtix rendikont tal-kost u d-dħul tas-servizzi anċillari pprovduti b'mod ġenerali u jekk ma jiddivulgax dik l-informazzjoni lill-ESMA;

(jj) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 34(8) jekk ma jżommx kont analitiku għall-attivitajiet tiegħu u jekk, f'tali kontijiet, ma jisseparax il-kostijiet u d-dħul assoċjati ma' kull wieħed mis-servizzi ewlenin tiegħu minn dawk assoċjati ma' servizzi anċillari.

V. Ksur relatat mar-rekwiziti dwar is-servizzi tas-CSD

(a) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 36 jekk ma jkollux regoli u proċeduri xierqa, inklużi prattiki u kontrolli robusti ta' kontabbiltà, biex jgħin jiżgura l-integrità tal-ħruġ ta' titoli u jimminimizza u jimmaniġġja r-riskji assoċjati mal-kustodja u s-saldu ta' tranżazzjonijiet fit-titoli, għal kull sistema ta' saldu tat-titoli li jopera;

(b) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 37 jekk ma jiħux miżuri ta' rikonċiljazzjoni xierqa, li jistgħu jitwettqu bl-użu ta' DLT, biex jivverifika li l-għadd ta' titoli li jiffirmaw ħruġ ta' titoli jew parti minn ħruġ ta' titoli ppreżentat lil tali CSD ikun daqs it-total ta' titoli rreġistrati fuq il-kontijiet tat-titoli tal-parteċipanti tas-sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma minn tali CSD u, meta rilevanti, fuq kontijiet tas-sid miżmuma minn tali CSD, jew jekk ma jwettaqx tali miżuri ta' rikonċiljazzjoni mill-anqas darba kuljum;

(c) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 37(2) jekk ma jorganizzax, meta jkun xieraq u jekk entitajiet oħra jkun involuti fil-proċess ta' rikonċiljazzjoni għal ċertu ħruġ ta' titoli, bħall-emittent, ir-reġistraturi, l-aġenti tal-ħruġ, l-aġenti tat-trasferimenti, id-depożitorji komuni, CSDs oħra jew entitajiet oħra, miżuri adegwati ta' kooperazzjoni u ta' skambju ta' informazzjoni ma' kwalunkwe tali entità sabiex tinżamm l-integrità tal-ħruġ;

(d) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 37(3) jekk jippermetti overdrafts tat-titoli, bilanċi ta' debitu jew ħolqien ta' titoli f'sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma minn tali CSD;

(e) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 38(1) jekk ma jżommx ir-rekords u l-kontijiet li għandhom jippermettulu li, fi kwalunkwe mument u mingħajr dewmien, jissegrega fil-kontijiet mas-CSD, it-titoli ta' parteċipant minn dawk ta' kwalunkwe parteċipant ieħor u, jekk applikabbli, mill-assi proprji tas-CSD;

(f) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 38(2) jekk ma jżommx rekords u kontijiet li jippermettu lil kwalunkwe parteċipant li jissegrega t-titoli tal-parteċipant minn dawk tal-klijenti tal-parteċipant;

(g) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 38(3) jekk ma jżommx rekords u kontijiet li jippermettu segregazzjoni tal-klijenti *omnibus*;

(h) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 38(4) jekk ma jżommx rekords u kontijiet li jippermettu segregazzjoni tal-klijenti individwali;

(i) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 38(6) jekk ma jiżvelax pubblikament il-livelli ta' protezzjoni u l-kostijiet assoċjati mal-livelli differenti ta' segregazzjoni li jipprovduti, jew jekk ma joffrix dawk is-servizzi fuq termini kummerċjali raġonevoli, jew jekk ma jiżgurax li d-dettalji tal-livelli differenti ta' segregazzjoni jinkludu deskrizzjoni tal-implikazzjonijiet legali ewlenin tal-livelli rispettivi ta' segregazzjoni offriti, inkluża informazzjoni dwar il-liġi tal-insolvenza applikabbli fil-ġuriżdizzjonijiet rilevanti;

(j) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 38(7) jekk juża għal kwalunkwe skop titoli li ma humiex tiegħu, jew jekk juża titoli ta' parteċipant mingħajr ma jkun kiseb il-kunsens espress minn qabel ta' dak il-parteċipant, jew jekk ma jirrikjedix li l-parteċipanti tiegħu jiksbu kwalunkwe kunsens minn qabel neċessarju mill-klijenti tagħhom;

(k) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 39(1) jekk ma jiżgurax li s-sistema ta' saldu tat-titoli li jopera toffri protezzjoni adegwata lill-parteċipanti;

(l) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 39(2) jekk ma jiżgurax li kull sistema ta' saldu tat-titoli li jopera tiddefinixxi l-mumentu tad-dħul u tal-irrevokabbiltà tal-ordnijiet ta' trasferiment f'dik is-sistema ta' saldu tat-titoli f'konformità mar-[Regolament (UE) .../... dwar il-finalità tas-saldu];

(m) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 39(3) jekk ma jiżvelax ir-regoli li jirregolaw il-finalità tat-trasferimenti ta' titoli u flus kontanti f'sistema ta' saldu tat-titoli;

(n) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 39(5) jekk ma jiħux il-passi raġonevoli kollha biex jiżgura li, f'konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 39(3), il-finalità tat-trasferimenti ta' titoli u flus kontanti msemmija fl-Artikolu 39(3) tintlaħaq jew fil-ħin reali jew fl-istess jum u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mit-tmiem tal-jum tax-xogħol tad-data reali tas-saldu;

(o) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 39(6) jekk ma jiżgurax li r-rikavati fi flus mis-saldu tat-titoli għandhom ikunu disponibbli għar-riċevituri biex jużawhom mhux aktar tard minn tmiem il-jum tax-xogħol tad-data tas-saldu maħsuba, meta tali CSD joffri s-servizzi msemmija fl-Artikolu 40(3);

(p) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 39(7) jekk ma jiżgurax li t-tranżazzjonijiet kollha tat-titoli bi ħlas fi flus kontanti jew f'tokens tal-flus elettroniċi bejn il-parteċipanti diretti f'sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma minn CSD u saldati f'dik is-sistema ta' saldu tat-titoli jiġu ssaldati fuq bażi DVP;

(q) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 40(1) jekk ma jsaldax il-pagamenti fi flus kontanti tas-sistema ta' saldu tat-titoli tiegħu fi flus tal-bank ċentrali meta dan ikun Prattiku u disponibbli;

(r) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 40(2) jekk ma jikkollegax direttament ma' infrastruttura tas-saldu komuni integrata ma' sistemi ta' saldu gross f'ħin reali tal-bank ċentrali mħaddma fl-Unjoni u jekk ma joffrix lill-parteċipanti tiegħu l-possibbiltà li jissaldaw it-tranżazzjonijiet tagħhom denominati f'muniti disponibbli fuq tali pjattaforma f'kontijiet miftuħa f'tali pjattaforma, meta tali CSD joffri li jissalda l-pagamenti fi flus kontanti tas-sistema ta' saldu tat-titoli tiegħu f'munita disponibbli fuq tali pjattaforma;

(s) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 40(3) jekk joffri li jissalda l-pagamenti fi flus għas-sistemi ta' saldu tat-titoli kollha tiegħu jew parti minnhom b'mod differenti minn dawk elenkati fl-Artikolu 40(3), meta tali CSD ma jsaldax fi flus tal-bank ċentrali;

(t) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 41(1) jekk ma jkollux regoli u proċeduri effettivi u ddefiniti b'mod ċar biex jimmaniġġja l-inadempjenza ta' parteċipant wieħed jew aktar tiegħu biex jiġi żgurat li tali CSD jista' jieħu azzjoni f'waqtha biex jillimita t-telf u l-pressjonijiet ta' likwidità u jkompli jissodisfa l-obbligi tiegħu;

(u) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 41(2) jekk ma jagħmilx ir-regoli ta' inadempjenza u l-proċeduri rilevanti tiegħu disponibbli għall-pubbliku;

(v) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 41(3) jekk ma jwettaqx mal-parteċipanti tiegħu u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra ttestjar u rieżami perjodiċi tal-proċeduri tiegħu dwar l-inadempjenza biex jiżgura li jkunu Prattiċi u effettivi.

VI. Ksur relatat ma' rekwiżiti prudenzjali

- (a) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 42 jekk ma jadottax qafas ta' ġestjoni tar-riskju sod biex jimmaniġġja b'mod komprensiv ir-riskji legali, tan-negozju, operazzjonali u riskji diretti jew indiretti oħra, inklużi miżuri biex inaqqsu l-frodi u n-negliġenza;
- (b) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 43(1) jekk ma jkollux regoli, proċeduri u kuntratti li jkunu ċari u jinftehm u għas-sistemi kollha ta' saldu tat-titoli li jħaddem u għas-servizzi l-oħra kollha li jipprovdi;
- (c) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 43(2) jekk ma jfassalx ir-regoli, il-proċeduri u l-kuntratti tiegħu sabiex dawn ikunu infurzabbli fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti kollha, inkluż fil-każ ta' inadempjenza ta' parteċipant;
- (d) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 43(3) jekk iwettaq negozju f'ġurisdizzjonijiet differenti mingħajr ma jieħu l-passi raġonevoli kollha biex jidentifika u jimmitiga r-riskji li jirriżultaw minn kunflitti potenzjali fil-liġi bejn il-ġurisdizzjonijiet;
- (e) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 44 jekk ma jkollux sistemi robusti ta' ġestjoni u kontroll kif ukoll għodod tal-IT sabiex jidentifika, jimmonitorja u jimmaniġġja r-riskji ġenerali tan-negozju, inklużi t-telf mill-eżekuzzjoni batuta tal-istrateġija tan-negozju, il-flussi ta' flus kontanti u l-ispejjeż tal-operat;
- (f) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 45(1) jekk ma jidentifikax is-sorsi ta' riskju operazzjonali, kemm interni kif ukoll esterni, u ma jimminimizzax l-impatt tagħhom anke permezz tal-varar ta' għodod, proċessi u politiki tal-ICT xierqa stabbiliti u ġestiti f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif ukoll permezz ta' kwalunkwe għodda, kontroll u proċedura xierqa rilevanti oħra għal tipi oħra ta' riskju operazzjonali, inkluż għas-sistemi ta' saldu tat-titoli kollha li huwa jopera;
- (g) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 45(3) jekk ma jistabbilix, ma jimplimentax u ma jżommx, għal servizzi li jipprovdi kif ukoll għal kull sistema ta' saldu tat-titoli li jopera, politika ta' kontinwità tal-operat adegwata u pjan ta' rkupru minn diżastri, inklużi l-politika ta' kontinwità tal-operat tal-ICT u l-pjanijiet ta' rispons u ta' rkupru tal-ICT stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/2554, biex jiżgura l-preżervazzjoni tas-servizzi tiegħu, l-irkupru f'waqtu tal-operazzjonijiet u t-twettiq tal-obbligi tas-CSD fil-każ ta' avvenimenti li jippreżentaw riskju sinifikanti għat-tfixkil tal-operazzjonijiet;
- (h) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 45(4) jekk ma jiżgurax li l-pjan imsemmi fl-Artikolu 45(3) jipprevedi l-irkupru tat-tranżazzjonijiet u l-pożizzjonijiet tal-parteeċipanti kollha fil-ħin tat-tfixkil biex il-parteeċipanti ta' CSD ikunu jistgħu jkomplu joperaw b'ċertezza u jlestu s-saldu fid-data skedata, inkluż billi jiġi żgurat li s-sistemi kritiċi tal-IT ikunu jistgħu jerġgħu jibdew l-operazzjonijiet mill-ħin tat-tfixkil kif previst fl-Artikolu 12(5) u (7) tar-Regolament (UE) 2022/2554;
- (i) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 45(5) jekk ma jippjanax u ma jwettaqx programm ta' testijiet tal-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 45, il-paragrafi 1 sa 4;
- (j) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 45(6) jekk ma jidentifikax, ma jimmonitorjax u ma jimmaniġġjjax ir-riskji li l-parteeċipanti ewlenin fis-sistemi ta' saldu tat-titoli li jopera, kif ukoll il-fornituri tas-servizzi u tal-utilitajiet, u CSDs oħra jew infrastrutturi oħra tas-suq għandhom imnejn joħolqu għall-operazzjonijiet tiegħu, jew jekk, fuq talba, ma jipprovdux lill-ESMA u lill-awtoritajiet rilevanti informazzjoni dwar kwalunkwe riskju bħal dan identifikat, jew jekk ma jinfurmax lill-ESMA u lill-awtoritajiet rilevanti mingħajr dewmien bi kwalunkwe inċident operazzjonali, għajr fir-rigward tar-riskju tal-ICT, li jirriżulta minn tali riskji;
- (k) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 45a jekk ma jikkonformax mar-rekwiżiti elenkati fl-Artikolu 45a, il-punti (a) sa (e), meta jopera huwa stess servizz ewlieni bl-użu tad-DLT;

(l) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 46(1) jekk ma jżommx l-assi finanzjarji tiegħu f'banek ċentrali, f'istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati jew f'CSDs awtorizzati;

(m) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 46(2) jekk ma jkollux aċċess minnufih għall-assi tiegħu, meta meħtieġ;

(n) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 46(3) jekk ma jinvestix ir-riżorsi finanzjarji tiegħu biss fi flus kontanti jew fi strumenti finanzjarji likwidi ħafna b'riskju minimu tas-suq u tal-kreditu, jew jekk ma jiżgurax li daww l-investimenti jkunu kapaċi jiġu likwidati malajr b'effett negattiv minimu fuq il-prezz;

(o) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 46(5) jekk ma jiżgurax li l-iskopertura għar-riskju ġenerali tiegħu għal kwalunkwe istituzzjoni ta' kreditu individwali awtorizzata jew CSD awtorizzata li miegħu huwa jżomm l-assi finanzjarji proprji tiegħu tibqa' f'limiti ta' konċentrazzjoni aċċettabbli;

(p) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 47(1) jekk ma jżommx kapital, flimkien mal-qligħ u r-riżervi miżmuma ta' CSD, li huwa proporzjonali għar-riskji li jirriżultaw mill-attivitajiet ta' tali CSD u jekk ma jżommx kapital li jkun f'kull ħin biżżejjed biex jiżgura li tali CSD ikun protett b'mod adegwat kontra riskji operazzjonali, legali, ta' kustodja, ta' investiment u ta' negozju sabiex tali CSD ikun jista' jkompli jipprovdi servizzi bħala negozju attiv u jiżgura stralċ jew ristrutturar ordnat tal-attivitajiet ta' tali CSD fuq perjodu ta' żmien xieraq ta' mill-anqas 6 xhur f'firxa ta' xenarji ta' stress;

(q) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 47a(1) jekk japplika saldu nett differit mingħajr ma jiddefinixxi r-regoli u l-proċeduri applikabbli għal dak il-mekkaniżmu u għas-saldu tal-pretensjonijiet u l-obbligi netti tal-parteċipanti;

(r) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 47a(2) jekk japplika saldu nett differit mingħajr ma jkejjel, jimmonitorja, jimmaniġġja u jirrapporta lill-awtoritajiet kompetenti r-riskji ta' kreditu u ta' likwidità li jirriżultaw minn dak il-mekkaniżmu.

VII. Ksur relatat mar-rekwiżiti għall-konnessjonijiet tas-CSD

(a) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 48(1) jekk ma jidentifikax, ma jivvalutax, ma jimmonitorjox u ma jimmaniġġjox is-sorsi potenzjali kollha ta' riskju għalih innifsu u għall-parteċipanti tiegħu li jirriżultaw mill-konnessjoni ta' CSD jew jekk ma jiħux miżuri xierqa biex inaqqashom qabel ma jstabilixxi konnessjoni ta' CSD;

(b) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 48(2) jekk jistabilixxi konnessjonijiet interoperabbli ma' CSDs oħra mingħajr ma jikseb awtorizzazzjoni minn qabel f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 48b;

(c) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 48(2a) jekk jistabilixxi konnessjonijiet interoperabbli li jesternalizzaw uħud mis-servizzi tiegħu relatati ma' daww il-konnessjonijiet interoperabbli ma' entità pubblika f'konformità mal-Artikolu 30(5), jew konnessjonijiet tas-CSD li ma humiex interoperabbli, mingħajr ma jinnotifika lill-ESMA qabel l-implimentazzjoni ta' tali konnessjonijiet;

(d) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 48(2c) jekk jistabilixxi konnessjoni ma' CSD ta' pajjiż terz mingħajr ma jikkonforma mal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 48, jew jekk jistabilixxi konnessjoni interoperabbli ma' CSD ta' pajjiż terz mingħajr ma jippreżenta applikazzjoni għal awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 17;

(e) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 48(3) jekk ma jiżgurax li konnessjoni li stabbilixxa tipprovdi protezzjoni adegwata lis-CSDs konnessi u lill-parteċipanti tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-kreditu possibbli meħuda mis-CSDs u r-riskji ta' konċentrazzjoni u

ta' likwidatà bħala riżultat tal-arranġament tal-konnessjoni, jew jekk jistabbilixxi konnessjoni li ma tkunx appoġġata minn arranġament kuntrattwali xieraq li jistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi rispettivi tas-CSD konness u, meta meħtieġ, tal-parteċipanti tas-CSDs, jew jekk jistabbilixxi arranġament kuntrattwali b'implikazzjonijiet tranżguriżdizzjonali li ma jipprevedix għażla mhux ambigwa ta' liġi li tirregola kull aspett tal-operazzjonijiet tal-konnessjoni;

(f) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 48(4) jekk, fil-każ ta' trasferiment provviżorju ta' titoli bejn is-CSDs konnessi, jittrasferixxi mill-ġdid it-titoli qabel ma l-ewwel trasferiment isir finali;

(g) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 48(5) jekk juża konnessjoni indiretta jew intermedjarja biex iħaddem konnessjoni ta' CSD ma' CSD ieħor mingħajr ma jkejje, ma jimmonitorja u ma jimmaniġġja r-riskji addizzjonali li jinħolqu mill-użu ta' dik il-konnessjoni indiretta jew intermedjarja u jieħu l-miżuri xierqa biex inaqqashom;

(h) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 48(6) jekk ma jkollux proċeduri ta' rikonċiljazzjoni robusti biex jiżgura li r-rekords rispettivi tiegħu jkunu preċiżi;

(i) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 48(7) jekk ma jippermettix is-saldu tad-DVP tat-tranżazzjonijiet bejn il-parteċipanti f'CSDs konnessi, meta prattiku u fattibbli jew jekk ma jipprovdi raġunijiet dettaljati għal kwalunkwe konnessjoni tas-CSD li ma tippermettix saldu tad-DVP lill-ESMA u lill-awtoritajiet rilevanti;

(j) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 48(8) jekk ma jiżgurax li sistemi ta' saldu tat-titoli interoperabbli u s-CSDs, li jużaw infrastruttura tas-saldu komuni jistabbilixxu mument i identiċi tal-entrata tal-ordnijiet ta' trasferiment fis-sistema u irrevokabbiltà tal-ordnijiet ta' trasferiment jew jekk ma jiżgurax li tali sistemi ta' saldu tat-titoli u s-CSDs jużaw regoli ekwivalenti dwar il-mument tal-finalità tat-trasferimenti tat-titoli u tal-flus kontanti;

(k) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 48a(2), meta tali rekwiżit ikun applikabbli għalih, jekk ma jistabbilix u ma jżommx konnessjoni bilaterali ma' kull wieħed miċ-ċentri l-oħra tas-CSD;

(l) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 48a(3), meta tali rekwiżit ikun applikabbli għalih, jekk ma jistabbilix u ma jżommx konnessjoni bilaterali ma' ċentru tas-CSD;

(m) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 48a(5) jekk ma jiżgurax li l-istrumenti finanzjarji kollha maħruġa f'kull wieħed mis-CSDs involuti f'konnessjoni bilaterali stabbilita skont l-Artikolu 48a(2) jew (3), kif applikabbli, ikunu disponibbli għas-saldu permezz ta' dik il-konnessjoni bilaterali;

(n) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 48b jekk jistabbilixxi konnessjoni interoperabbli mingħajr ma jitlob awtorizzazzjoni minn qabel lill-ESMA f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dak l-Artikolu;

VIII. Ksur relatat ma' rekwiżiti ta' aċċess

(a) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 49(2) jekk ma jittrattax talba minn emittent biex jirreġistra t-titoli tiegħu f'CSD, inizjalment jew sussegwentement għal reġistrazzjoni inizjali, minnufih u b'mod mhux diskriminatorju jew jekk ma jipprovdi tweġiba lill-emittent li jagħmel it-talba fi żmien 3 xhur;

(b) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 49(3) jekk jirrifjuta li jipprovdi servizzi lil emittent għal raġunijiet oħra għajr abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju komprensiva jew jekk dak is-CSD ma jipprovdi is-servizzi msemmija fil-punt (1) tat-Taqsima A tal-Anness fir-rigward tat-titoli li fuqhom jintalbu tali servizzi mill-emittent;

(c) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 51a jekk jirrifjuta talba skont dan l-Artikolu 51a għal raġunijiet oħra għajr abbażi ta' kunsiderazzjonijiet ta' riskju, jew jekk jirrifjuta talba bħal din abbażi ta' telf tas-sehem mis-suq;

(d) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 52(1) jekk ma jittrattax talba għall-aċċess minn CSD ieħor minnufih jew jekk ma jipprovdix risposta lis-CSD li jagħmel it-talba fi żmien 3 xhur, jew jekk ma jiżgurax li, jekk is-CSD li jirċievi t-talba jaqbel magħha, il-konnessjoni tas-CSD tiġi implimentata fi żmien raġonevoli li ma għandux ikun itwal minn 12-il xahar;

(e) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 52(2) jekk jiċċad l-aċċess għal CSD li jagħmel it-talba għal raġunijiet oħra għajr meta tali aċċess ikun jhedded il-funzjonament bla xkiel u ordnat tas-swieq finanzjarji jew jikkawża riskju sistemiku jew jekk jiċċad tali aċċess mingħajr valutazzjoni tar-riskju komprensiva, jew jekk ma jipprovdix lis-CSD li jagħmel it-talba r-raġunijiet sħaħ għal tali rifjut;

(f) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 52(2a) jekk jirrifjuta li jagħti aċċess permezz ta' konnessjoni msemmija fl-Artikolu 48a(2) jew (3), mingħajr ma jipprovdix rifjut debitament ġustifikat permezz tal-bażi tad-data ċentrali lill-ESMA u lis-CSD li jagħmel it-talba, jekk ma jibbażax tali rifjut fuq valutazzjoni tar-riskju komprensiva, jew jekk ma jipprovdix lill-ESMA l-miżuri proposti tiegħu biex jimmitiga r-riskji sottostanti għar-rifjut fi żmien 30 jum tax-xogħol min-notifika tar-rifjut lill-ESMA u lis-CSD li jagħmel it-talba;

(g) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 53(1) jekk ma jipprovdix aċċess għas-sistemi ta' saldu tat-titoli tiegħu fuq bażi mhux diskriminatorja u trasparenti għal CCP jew għal ċentru tan-negożjar;

(h) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 53(2) jekk ma jittrattax it-talbiet għall-aċċess minnufih u jekk ma jipprovdix risposta lill-parti li tagħmel it-talba fi żmien 3 xhur;

(i) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 53(3) jekk jiċċad l-aċċess għal raġunijiet oħra għajr meta tali aċċess ikun jaffettwa l-funzjonament bla xkiel u ordnat tas-swieq finanzjarji jew jikkawża riskju sistemiku, jew jekk jiċċad talba abbażi tat-telf tas-sehem mis-suq, jew jekk ma jipprovdix lill-parti li tagħmel it-talba raġunijiet sħaħ bil-miktub għal tali rifjut abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju komprensiva.

IX. Ksur relatat mal-provvista ta' servizzi anċillari tat-tip bankarju

(a) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 54(1) jekk jissalda l-pagamenti fi flus kontanti għas-sistemi ta' saldu tat-titoli kollha tiegħu jew parti minnhom permezz tal-kontijiet tiegħu stess kif imsemmi fl-Artikolu 40(3), jew jekk inkella jipprovdix kwalunkwe servizz anċillari ieħor tat-tip bankarju stabbilit fit-Taqsima C tal-Anness mingħajr ma jkun kiseb awtorizzazzjoni minn qabel f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 54 u 55;

(b) CSD sinifikanti awtorizzat f'konformità mal-Artikolu 54 jikser l-Artikolu 54(2) jekk ma jiżgura li l-ebda informazzjoni li jipprovdix lill-partiċipanti fis-suq dwar ir-riskji u l-kostijiet assoċjati mas-saldu permezz tal-kontijiet proprji tiegħu tkun ċara, ġusta u mhux qarrieqa, jekk ma jagħmilx disponibbli biżżejjed informazzjoni lill-klijenti jew lill-klijenti potenzjali biex tippermettilhom jidentifikaw u jevalwaw ir-riskji u l-kostijiet assoċjati mas-saldu permezz tal-kontijiet proprji tas-CSD jew jekk ma jipprovdix tali informazzjoni fuq talba;

(c) CSD sinifikanti awtorizzat f'konformità mal-Artikolu 54 jikser l-Artikolu 54(4) jekk ma jikkonformax f'kull ħin mal-kundizzjonijiet neċessarji għall-awtorizzazzjoni skont dan ir-Regolament u jekk ma jinnotifikax, mingħajr dewmien, lill-awtoritajiet kompetenti bi kwalunkwe bidla sostantiva li taffettwa l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni;

(d) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 54a(1) jekk jissalda l-pagamenti fi flus għas-sistemi ta' saldu tat-titoli kollha tiegħu jew parti minnhom permezz ta' kontijiet miftuħa ma' CSD ieħor

kif imsemmi fl-Artikolu 40(3) mingħajr ma jkun kiseb awtorizzazzjoni minn qabel f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 54a u 55;

(e) CSD sinifikanti awtorizzat f'konformità mal-Artikolu 54a jikser l-Artikolu 54a(2) jekk ma jiżgurax li l-informazzjoni pprovduta mis-CSD innifsu jew mis-CSD innominat lill-parteċipanti fis-suq dwar ir-riskji u l-kostijiet assoċjati mas-saldu permezz ta' kontijiet miftuħa ma' CSD ieħor tkun ċara, ġusta u mhux qarrieqa, jekk ma jagħmilx disponibbli biżżejjed informazzjoni lill-klijenti jew lill-klijenti potenzjali biex tippermettilhom jidentifikaw u jevalwaw ir-riskji u l-kostijiet assoċjati mas-saldu permezz ta' kontijiet miftuħa ma' CSD ieħor jew jekk ma jipprovdix tali informazzjoni fuq talba;

(f) CSD sinifikanti awtorizzat f'konformità mal-Artikolu 54a jikser l-Artikolu 54a(3) jekk juża l-awtorizzazzjoni biex jinnomina CSD ieħor f'konformità mal-Artikolu 54a(1), għal attivitajiet oħra għajr il-provvista ta' servizzi anċillari tat-tip bankarju msemmija fit-Taqsima C tal-Anness għas-saldu tal-pagamenti fi flus kontanti għas-sistemi ta' saldu tat-titoli kollha tiegħu jew parti minnhom;

(g) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 54a(5) jekk jinnomina CSD ieħor f'konformità mal-Artikolu 54a(1) biex jissalda l-pagamenti fi flus kontanti għas-sistemi ta' saldu tat-titoli kollha tiegħu jew parti minnhom f'munita tal-pajjiż fejn is-CSD li jinnomina jkun stabbilit meta tali pagamenti fi flus kontanti jew f'tokens tal-flus elettroniċi jaqbżu l-limitu ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 54b(12);

(h) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 54b(1) jekk jissalda l-pagamenti fi flus kontanti għas-sistemi ta' saldu tat-titoli kollha tiegħu jew parti minnhom permezz ta' kontijiet miftuħa ma' istituzzjoni ta' kreditu kif imsemmi fl-Artikolu 40(3) mingħajr ma jkun kiseb awtorizzazzjoni minn qabel f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 54b u 55;

(i) CSD sinifikanti awtorizzat f'konformità mal-Artikolu 54b jikser l-Artikolu 54b(2) jekk ma jiżgurax li l-informazzjoni pprovduta mis-CSD jew mill-istituzzjoni ta' kreditu nnominata lill-parteċipanti fis-suq dwar ir-riskji u l-kostijiet assoċjati mas-saldu permezz ta' kontijiet miftuħa ma' istituzzjoni ta' kreditu tkun ċara, ġusta u mhux qarrieqa, jekk ma jagħmilx disponibbli biżżejjed informazzjoni lill-klijenti jew lill-klijenti potenzjali biex tippermettilhom jidentifikaw u jevalwaw ir-riskji u l-kostijiet assoċjati mas-saldu permezz ta' kontijiet miftuħa ma' istituzzjoni ta' kreditu jew jekk ma jipprovdix tali informazzjoni fuq talba;

(j) CSD sinifikanti awtorizzat f'konformità mal-Artikolu 54b jikser l-Artikolu 54b(3) jekk juża l-awtorizzazzjoni biex jinnomina istituzzjoni ta' kreditu f'konformità mal-Artikolu 54b(1) għal attivitajiet oħra għajr il-provvista ta' servizzi anċillari tat-tip bankarju msemmija fit-Taqsima C tal-Anness għas-saldu tal-pagamenti fi flus kontanti għas-sistemi ta' saldu tat-titoli kollha tiegħu jew parti minnhom;

(k) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 54b(6) jekk jinnomina istituzzjoni ta' kreditu f'konformità mal-Artikolu 54b(1) biex tissalda l-pagamenti fi flus kontanti għas-sistemi ta' saldu tat-titoli kollha tiegħu jew parti minnhom f'munita tal-pajjiż fejn is-CSD li jinnomina jkun stabbilit meta tali pagamenti fi flus kontanti jaqbżu l-limitu ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 54b(12) għas-saldu fi flus kontanti jew f'tokens tal-flus elettroniċi;

(l) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 54c(1) jekk jissalda l-pagamenti fi flus kontanti għas-sistemi ta' saldu tat-titoli kollha tiegħu jew parti minnhom f'tokens tal-flus elettroniċi b'mod differenti minn permezz tal-kontijiet tiegħu stess f'konformità mal-Artikolu 54, permezz ta' kontijiet miftuħa ma' CSD ieħor f'konformità mal-Artikolu 54a, jew mhux permezz ta' kontijiet miftuħa ma' istituzzjoni ta' kreditu f'konformità mal-Artikolu 54b;

(m) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 54c(2) jekk ma jiżgurax li l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'tali Artikolu 54c(2) jiġu ssodisfati meta tali CSD ikun qed iwettaq saldu tal-pagamenti fi flus kontanti għal kulħadd għas-sistemi ta' saldu tat-titoli tiegħu kollha jew parti minnhom f'tokens tal-flus elettroniċi;

(n) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 55 jekk jipprovdi servizzi anċillari tat-tip bankarju f'konformità mal-Artikolu 54, jekk jinnomina CSD ieħor f'konformità mal-Artikolu 54a jew jekk jinnomina istituzzjoni ta' kreditu f'konformità mal-Artikolu 54b mingħajr ma jippreżenta applikazzjoni għal awtorizzazzjoni f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 55;

(o) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 56 jekk jestendi s-servizzi anċillari tat-tip bankarju li jipprovdi huwa stess jew li għalihom jinnomina CSD jew istituzzjoni ta' kreditu f'konformità mal-Artikoli 54, 54a jew 54b, kif applikabbli, mingħajr ma jissottometti talba għal estensjoni lill-awtorità kompetenti tiegħu;

(p) CSD sinifikanti jikser l-Artikolu 59(1) jekk ma jipprovdi biss is-servizzi stabbiliti fit-Taqsima C tal-Anness li huma koperti mill-awtorizzazzjoni;

(q) CSD sinifikanti awtorizzat f'konformità mal-Artikolu 54 jew innominat f'konformità mal-Artikolu 54a jikser l-Artikolu 59(2) jekk ma jikkonforma ma' kwalunkwe leġislazzjoni preżenti jew futura applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu;

(r) CSD sinifikanti awtorizzat f'konformità mal-Artikolu 54 jew innominat f'konformità mal-Artikolu 54a jikser l-Artikolu 59(3) jekk ma jikkonformax mar-rekwiżiti prudenzjali speċifiċi għar-riskji ta' kreditu relatati ma' dawk is-servizzi fir-rigward ta' kull sistema ta' saldu tat-titoli stabbilita f'tali Artikolu 59(3);

(s) CSD sinifikanti awtorizzat f'konformità mal-Artikolu 54 jew innominat f'konformità mal-Artikolu 54a jikser l-Artikolu 59(4) jekk ma jikkonformax mar-rekwiżiti prudenzjali speċifiċi għar-riskji tal-likwidità relatati ma' dawk is-servizzi fir-rigward ta' kull sistema ta' saldu tat-titoli stabbilita f'tali Artikolu 59(4);

(t) CSD sinifikanti nnominat f'konformità mal-Artikolu 54a jikser l-Artikolu 59(4a) jekk ma jkollux stabbiliti regoli u proċeduri ċari li jindirizzaw kwalunkwe riskju potenzjali ta' kreditu, ta' likwidità u ta' konċentrazzjoni li jirriżulta mill-provvista ta' dawk is-servizzi.

TAQSIMA E

Lista tal-koeffiċjenti marbuta ma' fatturi aggravanti u mitiganti għall-applikazzjoni tal-Artikolu 11b (3)

Il-koeffiċjenti li ġejjin għandhom ikunu applikabbli, b'mod kumulattiv, għall-ammonti bażiċi msemmija fl-Artikolu 11b (3).

I. Koeffiċjenti ta' aġġustament marbuta ma' fatturi aggravanti:

(a) jekk il-ksur ikun twettaq ripetutament, għandu japplika koeffiċjent addizzjonali ta' 1,1 għal kull darba li dan ġie ripetut;

(b) jekk il-ksur ikun twettaq għal aktar minn 6 xhur, għandu japplika koeffiċjent ta' 1,5;

(c) jekk il-ksur ikun żvela dgħufijiet sistemiċi fl-organizzazzjoni tas-CSD, b'mod partikolari fil-proċeduri, fis-sistemi ta' ġestjoni jew fil-kontrolli interni tiegħu, għandu japplika koeffiċjent ta' 2,2;

(d) jekk il-ksur ikollu impatt negattiv fuq il-kwalità tal-attivitajiet u s-servizzi tas-CSD, għandu japplika koeffiċjent ta' 1,5;

(e) jekk il-ksur twettaq intenzjonalment, għandu japplika koeffiċjent ta' 2;

(f) jekk ma ttieħdet l-ebda azzjoni ta' rimedju minn meta kien identifikat il-ksur, għandu japplika koeffiċjent ta' 1,7;

(g) jekk il-maniġment superjuri tas-CSD ma jkunx ikkoopera mal-ESMA fit-twettiq tal-investigazzjonijiet tiegħu, għandu japplika koeffiċjent ta' 1,5.

II. Koeffiċjenti tal-aġġustamenti marbuta ma' fatturi ta' mitigazzjoni:

(a) jekk il-ksur ikun twettaq għal anqas minn 10 ijiem tax-xogħol, għandu jiġi applikat koeffiċjent ta' 0,9;

(b) jekk il-maniġment superjuri tas-CSD jista' juri li ħa l-miżuri kollha neċessarji biex jipprevjeni l-ksur, għandu japplika koeffiċjent ta' 0,7;

(c) jekk is-CSD jkun għibed l-attenzjoni tal-ESMA għall-ksur malajr, b'mod effettiv u sħiħ, għandu japplika koeffiċjent ta' 0,4;

(d) jekk is-CSD ikun ħa miżuri volontarji biex jiżgura li ksur simili ma jkunx jista' jseħħ fil-futur, għandu japplika koeffiċjent ta' 0,6.”.